MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2022

Appell Inferjuri Numru 204/2018 LM

**Exor Group Limited (C33910)**

***vs.***

**Carmel sive Charles Spiteri**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Carmel sive Charles Spiteri (ID 24956M)** minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-25 ta' Marzu, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn mhux kompatibbli mad-deċiżjoni tagħha, laqgħet limitatament it-talbiet tas-soċjetà attriċi **Exor Group Limited**, billi kkundannat lill-konvenut iħallasha

is-somma ta' ħamest elef, sitt mija u tlieta u għoxrin Euro u żewġ ċenteżmi (€5,623.02) bl-imgħax mis-6 ta' Settembru, 2019, u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut. Min-naħa tagħha s-soċjetà attriċi intavolat appell inċidentali minn din id-deċiżjoni għaliex ħassitha aggravata minn xi partijiet tas-sentenza mogħtija.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors promotur ippreżentat quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà attriċi talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' sebat elef, u tlieta u sebgħin Euro u żewġ ċenteżmi (€7,073.02), rappreżentanti bilanċ dovut minnu fir-rigward tax-xogħlijiet magħmula mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-konvenut fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KAL 513.

**Mertu**

3. Is-soċjetà attriċi istitwiet dawn il-proċeduri sabiex titħallas ammont ta' flus li tippretendi li huwa dovut lilha mill-konvenut, wara xogħol ta' restawr li din tqabbdet tagħmel mill-konvenut fuq vettura tat-tip Triumph Herald.

4. Il-konvenut wieġeb li t-talba tas-soċjetà attriċi hija esaġerata, u li hu fetaħ proċeduri separati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rifużjoni ta' ammont ġià mħallas.

5. **Duncan Dimech**, direttur u *managing director* tas-soċjetà attriċi xehed bil-proċedura tal-affidavit li f'Awwissu tal-2016, il-konvenut kien talbu jispezzjona vettura tal-għamla Triumph Herald, numru ta' reġistrazzjoni KAL 513, sabiex potenzjalment iqabbad lis-soċjetà attriċi tirrestawra din il-vettura. Ix-xhud qal li l-vettura in kwistjoni ġiet spezzjonata ħdejn il-garaxx tal-konvenut u fil-preżenza tiegħu, u mal-ewwel daqqa t'għajn deher li l-vettura kienet miżmuma f'kundizzjoni tajba, minkejja li żied jgħid li l-bibien kellhom bżonn xi xogħol, iż-żebgħa kienet mitfija bix-xemx, it-tapizzerija kienet użata, u l-aċċessorji tal-vettura kienu qegħdin juru sinjali li għadda ż-żmien minn fuqhom. Ix-xhud qal li l-konvenut mill-ewwel aċċetta li jsir ix-xogħol meħtieġ fuq il-vettura, u li dak il-ħin iffirma dokument li jawtorizza lis-soċjetà attriċi tagħmel ix-xogħlijiet, fejn ġie maqbul ukoll li l-ispiża tax-xogħlijiet kienet ser tkun ta' bejn €8,000 u €10,000, u li s-soċjetà attriċi kienet teħtieġ bejn għaxra u sittax-il ġimgħa ta' xogħol biex tlesti r-restawr. Ix-xhud qal li l-formola tal-awtorizzazzjoni ġiet spjegata lill-konvenut, u li dan ġie mgħarraf li l-ispiża kkwotata kienet tkopri biss it-tneħħija taż-żebgħa, it-tiswijiet tas-sadid, it-tneħħija ta' xi għafsiet żgħar mal-*body*, żebgħa b'kulur wieħed u t-*tuning* bażiku tal-magna, kif ukoll spezzjoni tal-brejkijiet, tas-sistema tal-istering u tas-sistemi elettriċi tal-vettura sabiex tkun tista' tiġi determinata l-kundizzjoni tagħhom. Ix-xhud qal ukoll li l-formula kienet tispeċifika li l-istima ma kinitx tinkludi xogħol fuq it-tapizzerija, xogħol jew tibdil ta' sistemi elettriċi, *ignition*, ibbrejkjar, stering u magna, tibdil tar-roti u rimmijiet u *chroming* u tibdil tal-aċċessorji. Ix-xhud kompla jgħid li hija prattika komuni f'dan in-negozju li kull parti tal-vettura li trid tinxtara sabiex ikun jista' jsir ir-restawr, titqies bħala spiża addizzjonali fuq il-prezz stmat. Qal li meta bdew ix-xogħlijiet, mill-ewwel ġie stabbilit li r-restawr

tal-vettura kien jirrikjedi xogħol aktar minn dak li ġie stmat. Qal li wara li l-vettura ġiet żarmata u tneħħiet iż-żebgħa f'ċerti żoni, instab li kien hemm stokk bi ħxuna ta' madwar 10 millimetri, u għalhekk kellu jitqabbad *sub-contractor* biex jagħmel il-*blasting* li kien hemm bżonn. Qal ukoll li ġie nnutat li l-vettura kellha problemi kbar ta' sadid, kif ukoll li ħarġu problemi ġodda bħal ħafna toqob mal-art, *chassis* mikul bis-sadid, *firewall* li kellu toqba koperta b'biċċa tubu u *valances* mherrija. Ix-xhud kompla jgħid li minn spezzjoni li saret fuq il-partijiet mekkaniċi tal-vettura ġie stabbilit ukoll li kien hemm problemi oħra li kellhom jiġu ndirizzati, fosthom *shoes* u *drums* tal-brejkijiet mikulin, *shock absorbers* spiċċuti, sistema tal-brejkijiet ineżistenti, sistema tal-elettriku f'kundizzjoni prekarja ħafna b'*wires* addizzjonali u biċċiet tal-*wires* magħquda flimkien li setgħu jikkawżaw nar fil-vettura, magna li minkejja li kienet taħdem kienet teħtieġ xogħol ta' irfinar, u sistema tal-istering li ma kinitx tirrispondi tajjeb. Ix-xhud qal li meta ġiet meqjusa s-sitwazzjoni tal-vettura, sar kuntatt mal-konvenut fejn dan ġie mgħarraf bil-partijiet tal-vettura li kellhom bżonn jinbidlu, u dan ta l-awtorizzazzjoni tiegħu għal dawn ix-xogħlijiet. Ix-xhud żied jispjega li f'Marzu tal-2017, il-konvenut ġie mgħarraf li minħabba x-xogħlijiet addizzjonali meħtieġa li rriżultaw, ix-xogħol tas-soċjetà attriċi kien ser ilaħħaq l-ispiża ta' €15,000, u l-konvenut aċċetta li dawn ix-xogħlijiet jitkomplew. Qal ukoll li matul l-2017 u l-2018, inħarġu aktar *statements* li wkoll ġew ikkomunikati lill-konvenut, għalkemm is-soċjetà attriċi żammet mal-istima tagħha ta' €15,000. Ix-xhud qal li tul iż-żmien li fih il-vettura kienet miżmuma fil-garaxx tas-soċjetà attriċi, il-konvenut mar jispezzjona l-vettura diversi drabi, u dan dejjem wera ruħhu sodisfatt bl-andament tax-xogħol, minkejja li kien hemm drabi meta l-konvenut kien jagħti għadd ta' struzzjonijiet addizzjonali lis-soċjetà attriċi dwar

ix-xogħol li kellu jsir. Ix-xhud qal li minn żmien għal żmien huma kienu jitkellmu mal-konvenut dwar il-kontijiet pendenti, u qal li sas-16 ta' Mejju, 2018, is-soċjetà attriċi kienet irċeviet total ta' €26,000, li kien jinkludi €15,000 tax-xogħlijiet kif maqbul u l-ħlas tal-*parts* tal-vettura. Kompla jgħid li l-konvenut kien wiegħdu li l-aħħar pagament ta' €7,623.02 li kienu jinvolvu partijiet tal-karozza, tapizzerija u x-xogħol tal-mekkanik, kien ser jitħallas meta jmur jiġbor il-vettura. Ix-xhud qal li huma kienu qablu dwar dan, għalkemm skont klawsola 6 tal-ftehim ta' bejniethom, il-partijiet tal-vettura mixtrija kellhom jitħallsu bil-quddiem qabel jinxtraw, imma f'dan il-każ huma kienu aċċettaw li jitħallsu wara. Ix-xhud qal li fil-5 ta' Mejju, 2018 huwa kellu jiltaqa' mal-konvenut sabiex jispezzjona u jiġbor il-vettura, u ftit jiem qabel huwa kien ċempel lill-konvenut u qallu li l-vettura kienet lesta biex tinġabar. Qal li fil-5 ta' Mejju, 2018, waqt li kien mal-konvenut meta dan mar biex jiġbor il-vettura, il-konvenut kien qallu li ma kienx fi ħsiebu jħallas immedjatament, iżda li kien jeħtieġ kopja tal-fatturi kollha sabiex ikun jista' jivverifika l-bilanċ dovut. Ix-xhud qal li l-konvenut insista miegħu li huwa qatt ma kellu problemi biex iħallas, u minkejja li l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet kien jgħid li l-vettura ma tiġix rilaxxata f'każ li jkun hemm bilanċ dovut, f'dan il-każ is-soċjetà attriċi aċċettat li l-vettura tiġi rilaxxata lill-konvenut. Ix-xhud qal li l-konvenut deher kuntent ħafna bix-xogħol li sar fuq il-vettura, u fil-ġranet ta' wara kienu ntbagħtu l-fatturi u d-dikjarazzjonijiet mitluba mill-konvenut, iżda dan ħallas biss l-ammont ta' €2,000 mill-bilanċ li kien għadu dovut, filwaqt li sostna li l-bilanċ ma kienx dovut minnu. Ix-xhud qal li l-konvenut sostna li l-ħlas tal-mekkanik kellu jitħallas mis-soċjetà attriċi, u qal li dan il-ħlas kien jammonta biss għal €800 mis-somma totali. Ix-xhud qal li għalhekk għad baqa' bilanċ ta' €7,073.02 dovut mill-konvenut, €1,450 għall-magazzinaġġ tal-

vettura, €800 xogħlijiet mekkaniċi li saru minn speċjalista, €200 xogħlijiet elettriċi li wkoll saru minn speċjalista, €958.44 partijiet mekkaniċi u €3,664.58 ordni ta' partijiet varji tal-vettura u l-ispiża biex dawn twasslu Malta. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, kopja tal-korrispondenza li kien hemm qabel inxtraw il-*parts* tal-vettura minn barra, kopja tal-fatturi bl-ispejjeż li saru, kif ukoll kopja ta' messaġġi telefoniċi skambjati bejnu u l-konvenut.

6. **Duncan Dimech** xehed ukoll *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, fejn ippreżenta sensiela ta' ritratti li juru l-istat li kienet fih il-vettura u x-xogħol li sar fuqha fi stadji differenti. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li minkejja li l-kumpannija li hu direttur tagħha jisimha Exor Group Limited, il-garaxx minn fejn isir ix-xogħol jismu 'The Guild Restos and Customs' u dan b'riferiment għal uħud mill-fatturi esebiti. Ix-xhud qal li l-fatturi esebiti minnu huma kollha għall-*parts* li nxtraw għall-vettura tal-konvenut. Ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà attriċi ma żammet l-ebda flus għall-ħażna tal-vettura minkejja li x-xogħlijiet ħadu aktar żmien milli kien oriġinarjament ipprospettat. Ix-xhud qal li qabel inbdew dawn il-proċeduri, il-konvenut kien iddepożita l-ammont ta' ħamest t'elef Euro taħt l-awtorità tal-Qorti, u qal ukoll li l-proċeduri mibdija mill-konvenut separatament huma għar-rifużjoni ta' parti mill-flejjes imħallsa mill-konvenut. Ix-xhud ikkonferma li l-ispiża totali għax-xogħol li sar fuq il-vettura kienet tlaħħaq il-ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000). Ix-xhud ikkonferma wkoll li minkejja li skont il-ftehim oriġinali ffirmat bejn il-partijiet ix-xogħol fuq din il-vettura kellu jieħu bejn għaxar ġimgħat u sittax-il ġimgħa, b'kollox il-vettura

damet fil-pussess tas-soċjetà attriċi madwar sentejn. Qal ukoll li minkejja dan it-tul ta' żmien huwa ma żammx flus għall-magazzinaġġ tal-vettura.

7. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, il-konvenut **Carmel sive Charles Spiteri** qal li meta huwa avviċina lis-soċjetà attriċi qabel ma taha l-inkarigu, huwa kien ġie infurmat li x-xogħol ta' restawr fuq il-vettura kien ser jiġi jiswa bejn tmint elef u għaxart elef Euro, u fil-fatt l-istima li ngħatatlu minn Duncan Dimech tniżżlet fil-kuntratt. Il-konvenut qal li minkejja din l-istima li ngħatatlu, huwa spiċċa ħallas total ta' sebgħa u għoxrin elf Euro, apparti li għandu ddepożitati l-ammont ta' sebat elef Euro taħt l-awtorità tal-Qorti. Il-konvenut qal li wara li ngħata l-istima oriġinali, huwa qatt ma ordna partijiet żejda jew talab li jsir xogħol addizzjonali fuq il-vettura. Il-konvenut qal ukoll li wara li l-vettura ġiet rilaxxata lilu, huwa kellu jagħmel spejjeż addizzjonali, għaliex kienet tħalliet żebgħa mċarċra mal-*body* tal-vettura, ir-roti tħallew iħokku mal-*mudguard* ta' wara, il-ħġieġ tal-bieba ma kienx jitla', u kien hemm ukoll difetti fil-brejkijiet. Il-konvenut qal li għal dawn ix-xogħlijiet addizzjonali huwa kellu jinkorri spejjeż addizzjonali. Il-konvenut qal ukoll li meta ġibed l-attenzjoni ta' Duncan Dimech għall-fatt li kien qiegħed jintalab iħallas flus li jeċċedu l-istima li kienet ingħatatlu oriġinarjament, dan kien offra li jraħħaslu xi ħaġa u talbu ma jgħid xejn dwar dan ma' ħadd.

8. Il-konvenut ippreżenta vera kopja tax-xhieda mogħtija minnu fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Charles Spiteri *vs.* Duncan Dimech** (594/2018RM), fejn huwa kien xehed li kien ikkuntattja lil Duncan Dimech għaliex kellu vettura li xtaq jirrestawra. Spiteri qal li hu ried

restawr komplut tal-vettura, u għal dan il-għan kien ftiehem fuq prezz ma' Dimech u kien spjegalu wkoll x'xogħol ried li jsir. Spiteri qal li huwa kien jagħmel ħlasijiet b'mod perjodiku, iżda meta Dimech infurmah li l-vettura kienet lesta u li seta' jmur jiġborha huwa kien intebaħ li kien hemm xi ħaġa ħażina fil-magna tal-vettura. Qal ukoll li kien hemm persuni li qalulu li l-prezz mitlub minn Dimech għar-restawr tal-vettura kien għali wisq.

## Is-Sentenza Appellata

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Marzu, 2021, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-vertenza li kellha quddiemha billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut safejn mhux kompatibbli mad-deċiżjoni tagħha, laqgħet limitatament it-talba attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallas l-ammont ta' €5,623.02, bl-imgħax mis-6 ta' Settembru, 2019, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidrat;***
>
> *Illi fl-ewwel u l-unika eċċezzjoni minnu sollevata, il-konvenut jagħmel aċċenn għall-pendenza ta' proċeduri* "quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għar-rifużjoni ta' ammont ġia mħallas"*.*
>
> *Il-Qorti fehmet illi din l-eċċezzjoni ssarraf f'waħda ta'* lis alibi pendens *a tenur tal-artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara kollox, hekk fisser l-abbli difensur tal-konvenut permezz tad-dikjarazzjoni reġistrata fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2018.*
>
> *Iżda l-Qorti ma taqbilx li din l-eċċezzjoni hija fondata. Skont il-konvenut, hekk kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni fuq imsemmija, il-kawża li ġiet istitwita mill-konvenut b'talba għar-rifużjoni tal-ammont li huwa diġà ħallas lis-soċjetà attriċi, ġiet hekk istitwita quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Issa, l-imsemmi artikolu 792 tal-Kap. 12 jipprovdi:*

792. Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.

*Illi l-Qorti minnufih tosserva li l-ebda wieħed mill-partijiet ma ppreżenta kopja tal-atti li allegatament jinsabu* sub judice *quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-konvenut ma ressaq l-ebda provi oħrajn in sostenn ta' din l-eċċezzjoni, lanqas biex isostni l-allegazzjoni tiegħu li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi huwa esaġerat.*

*Illi jingħad li fl-ewwel lok sabiex issir talba għal* lis alibi pendens *irid jiġi ppruvat li hemm żewġ kawżi għaddejjin fuq mertu simili bejn l-istess partijiet u li ż-żewġ kawżi jistgħu jinstemgħu quddiem l-istess Qorti. Għalhekk minnufih jirriżulta li l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens *ma tistax tintlaqa' fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti għaliex il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dik ta' din il-Qorti hija waħda differenti. Dan ifisser li la tista' din il-Qorti tibgħat l-atti tal-kawża odjerna lill-Prim'Awla, li lanqas tista' tastjeni hija stess mis-smigħ ta' dik il-kawża l-oħra u tibgħat l-atti quddiem din il-Qorti għaliex il-kompetenza tal-qrati rispettivi, kif definiti fl-ewwel Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Titoli II u Titolu III), huma differenti. Mhux hekk biss, iżda minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 125 u l-Artikolu 161 tal-Kap. 12, it-talba quddiem il-Prim'Awla, bħala qorti superjuri, trid issir permezz ta' rikors ġuramentat, tant illi skont l-Artikolu 164 tal-Kap. 12, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat minflok tinġieb permezz ta' att ġudizzjarju ieħor.*

*Il-Qorti tirrileva li fl-ordinament ġuridiku tagħna il-konsegwenza tas-suċċess tal-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendentia *ma hijiex dik illi t-tieni kawża tinżamm milli ssir, iżda li ż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien billi l-kawża mressqa l-aħħar tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra. Fil-fatt, din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.*

"Illi l-prinċipju ta' lis alibi pendens li fuqhom qed jibbaża ruħhu l-konvenut, ilhom li ġew stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u senjatament fis-sentenza ta' din il-Qorti, b'riferenza però għall-kunċett ta' res judicata, li l-prinċipji tagħha huma l-istess bħal ta' lis alibi pendens, però fl-aħħar każ is-sentenza ma tkunx għaddiet in ġudikat. Hekk fil-kawża fl-ismijiet "Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited" (RCP deċiża fis-17 ta' Frar, 2000) ingħad li biex tissussisti res judicata irid ikun hemm 'eadem res', 'eadem causa petendi' u 'eadem personae'."

*Kif intqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet* ***Anatoli Reznikov et vs Nikolai A. Kotivov pro et noe*** *(fn. 2 Deċiża 24.3.1994) biex l-eċċezzjoni ta'* lis alibi pendens *tirnexxi jridu jintlaħqu s-segwenti kundizzjonijiet essenzjali:-*

"the essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-matter and the cause of the demand."

*Kwantu għall-mertu, din il-Qorti ma għandhiex iċ-ċertezza dwar jekk teżistix identiċità għall-mertu taż-żewġ kawżi stante li kif ingħad, il-konvenut għalkemm ingħata diversi opportunitajiet biex jipproduċi kopja tal-atti tal-kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla, baqa' inadempjenti. Kemm hu hekk, mill-mod kif ipprosegwa s-smigħ ta' din il-kawża, il-Qorti fehmet tabilħaqq illi l-konvenut ma baqax jinsisti fuq din l-eċċezzjoni tiegħu ġialadarba ma ġab qatt l-atti promotorji u relevanti tal-kawża l-oħra biex dawn jittieħdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti għall-fini ta' deċiżjoni tal-eċċezzjoni tiegħu in diżamina. Ma hemm xejn fl-atti biex tissostanzja l-eċċezzjoni ta'* lis alibi pendentia *jew l-allegazzjoni tal-konvenut li l-mertu ta' din il-kawża huwa in effetti dwar l-istess mertu tal-kawża quddiem il-Prim'Awla u kwindi, din il-Qorti tħoss li ma tistax serenament tikkonstata illi in effetti l-kawżali tal-azzjoni intavolata mill-konvenut quddiem il-Prim'Awla hija proprju l-allegazzjoni li l-bilanċ mitlub mis-soċjetà attriċi f'din il-kawża, mhuwiex dovut. Il-bilanċ li l-ħlas tiegħu huwa mitlub f'din il-kawża huwa fis-somma ta' €7,073.02, ċioe somma li tirrientra definittivament entro l-parametri tal-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti filwaqt illi biex l-azzjoni taqa' fil-ġurisdizzjoni residwali tal-Prim'Awla, din trid neċessarjament tkun fondata fuq talba,* inter alia, *b'valur li jeċċedi s-somma ta' €15,000, jew valur indeterminat.*

*Iżda b'żieda mal-premess, ma jistax jonqos li l-Qorti tosserva illi minn dak reġistrat fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2018, jirriżulta illi l-kawża msemmija mill-konvenut għall-fini tal-eċċezzjoni tiegħu ġiet istitwita minnu fil-konfront ta' "Duncan Dimech" u mhux "Exor Group Limited" (fn.3 Ara fol. 87 – traskrizzjoni tax-xhieda ta' Charles Spiteri fil-kawża 594/2018 (Prim'Awla) fl-ismijiet* ***Charles Spiteri vs Duncan Dimech****). Għaldaqstant, fil-każ in diżamina m'hemmx dubju li lanqas m'huwa sodisfatt l-element tal-identiċità tal-partijiet, kif meħtieġ mill-ġurisprudenza.*

*F'kull każ, jekk skont kif asserixxa l-konvenut fir-Risposta tiegħu, huwa intavola l-kawża l-oħra biex jitlob* ***rifużjoni*** *(mingħajr iżda ma fisser is-somma preċiża li qed jitlob rifużjoni għaliha), il-Qorti tifhem illi huwa qed jitlob il-ħlas lura ta' ammont li huwa* ***effettivament ħallas.*** *Billi iżda din il-kawża tikkonċerna esklussivament* ***ammont li ma ġiex imħallas mill-konvenut****, l-effett tad-deċiżjoni f'din l-istess kawża ma jista' qatt jikkostitwixxi* res judicata *fil-kawża l-oħra.*

*Il-Qorti tosserva ulterjorment li anke jekk seta' kien hemm lok għall-waqfien ta' dawn il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla, ma saret l-ebda talba mill-konvenut għas-soprasessjoni. Għalkemm is-soprasessjoni hija kkunsidrata bħala provvediment ta' natura straordinarja għaliex jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kawża għandha tinstema' bla waqfien sakemm tiġi deċiża, din tista' tingħata biss meta jirriżulta li s-smigħ ta' żewġ kawżi fl-istess waqt ma jkunx jista' jsir. Madanakollu, il-Qorti tqis illi fi kwalsiasi każ, kien jispetta lil xi waħda mill-partijiet fil-kawża sabiex tagħmel talba* ad hoc *għall-waqfien tal-kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża u ċertament, mhijiex kompitu tal-Qorti li tordna* sponta sua *li dan isir, wisq inqas meta ma għandha l-ebda atti ta' kawża oħra quddiemha u ma jkun intwera l-ebda raġuni tajba biex jingħata provvediment għas-soprasessjoni.*

*In tema tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-soprasessjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr. Christopher Cilia nomine et*** *(fn. 4 Deċiża 11 ta' Diċembru, 2003. Emfasi ta' din il-Qorti), qalet hekk:-*

"Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġà tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali **huwa rakkommandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu ta' bilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf** (P.A. 12.4.1962 fil-kawża fl-ismijiet **Azzopardi et vs Critien pro et** (Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Ċiv. 6.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Grima et vs Frendo et** (Kollez. Vol: LXXXIII.ii/393)" (fn. 5 Sottolinejar ta' din il-Qorti).

*Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut in kwantu tirreferi għall-pendenza ta' kawża oħra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għar-rifużjoni tal-ammont diġà mħallas, u kwantu bbażata fuq* lis alibi pendens, *mhijiex tajba u qed tiġi respinta.*

*Ikkunsidrat;*

*Fl-istess waqt, iżda, il-konvenut jeċċepixxi wkoll illi l-prezz mitlub mis-soċjetà attriċi huwa esaġerat. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, il-konvenut fisser illi huwa kkuntratta mas-soċjetà attriċi għar-restawr komplut tal-vettura tiegħu, Triumph Herald bin-numru ta' reġistrazzjoni KAL-513 abbażi ta' stima mogħtija lilu fil-prezz ta' bejn €8,000 u €10,000. Qal illi meta ffirma l-ftehim għar-restawr tal-vettura, huwa fehem illi l-istima tal-prezz indikat kellha tinkludi l-prezz tal-*parts *kif ukoll kull ħaġa meħtieġa biex il-vettura tingħata lura lilu fi stat ta' "*street show*", madanakollu huwa spiċċa biex ħallas l-ammont totali ta' iktar minn €26,000 filwaqt li biex seta' jieħu l-pussess tal-vettura kellu wkoll jiddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti l-bilanċ pretiż mis-soċjetà attriċi fis-somma ta' €5,414.03. Ilmenta wkoll illi għalkemm is-soċjetà attriċi*

*kienet intrabtet li tlesti l-vettura f'terminu stipolat, għaddew kważi sentejn qabel il-vettura tlestiet.*

*Da parti tagħha s-soċjetà attriċi tikkontendi illi filwaqt li huwa minnu li hija ġiet inkarigata mill-konvenut sabiex tirrestawra l-vettura tiegħu b'mod komplut, il-ftehim kien illi l-ispiża stmata tar-restawr fis-somma ta' bejn €8,000 u €10,000, kienet tkopri biss it-tneħħija taż-żebgħa, it-tiswijiet tas-sadid, it-tneħħija ta' għafsiet żgħar, żebgħa b'kulur wieħed,* tuning *bażiku tal-magna li setgħet titwettaq fil-garaxx tagħha stess u l-ispezzjoni tas-sistema tal-*brakes*, is-sistemi tal-i*steering *u s-sistemi elettriċi għall-fini li tiġi determinata l-kundizzjoni tagħhom. Dan il-ftehim, skont is-soċjetà attriċi, huwa rispekkjat fil-formola ta' awtorizzazzjoni tax-xogħlijiet (Dok. A, fol.16) fejn il-partijiet qablu b'mod speċifiku dwar dak ix-xogħol li kellu jiġi inkluż fl-istima mniżżla fid-dokument u l-kontenut tad-dokument ġie spjegat lill-konvenut. Is-soċjetà attriċi ssostni wkoll illi r-restawr jew it-tibdil ta' kwalunkwe tapizzerija, xogħol jew bdil ta' sistemi elettriċi,* ignition, brakes, steering *u magna, bdil ta' roti u rimmijiet,* chroming *jew bdil ta'* parts *u aċċessorji, ma kinux inklużi fl-ispiża stmata għaliex il-ftehim sar b'dan il-mod proprju biex il-vettura tkun tista' tiġi restawrata in toto f'kull ma kien meħtieġ.*

*Duncan Dimech, direttur tas-soċjetà attriċi, fisser meta bdew ix-xogħlijiet u l-vettura tal-konvenut ġiet żarmata, irriżulta li kien hemm iżjed xogħol xi jsir minn dak primarjament stmat u fost oħrajn, kellu jitqabbad speċjalista lokali biex jagħmel ix-xogħlijiet tal-ibblastjar u sussegwentement irriżulta wkoll li kien hemm problema estensiva ta' sadid fil-vettura. Minn spezzjoni fuq il-partijiet mekkaniċi tal-vettura rriżulta wkoll li kien hemm problemi u perikoli li kien jeħtieġ li jiġu indirizzati, fosthom fil-brejkijiet,* shock absorbers, *sistema tal-elettriku u* steering, *kif ukoll fil-magna. Is-soċjetà attriċi ssostni li hija infurmat lill-konvenut b'mod preventiv, bil-lista tal-*parts *tal-vettura li kien hemm bżonn li jinxtraw b'żieda ma' dawk indikati oriġinarjament u huwa tahom l-awtorizzazzjoni tiegħu biex jixtru l-*parts *kollha meħtieġa biex il-proġett isir tajjeb u ma jkun hemm l-ebda perikolu fil-vettura. Barra minn hekk, matul ix-xahar ta' Marzu 2017 il-konvenut ġie nfurmat ukoll li minħabba x-xogħlijiet ulterjuri li rriżulta li kienu meħtieġa, il-prezz tax-xogħlijiet kellhom jilħqu l-€15,000. Duncan Dimech ikkonferma li l-konvenut aċċetta li x-xogħlijiet għandhom jitkomplew.*

*Is-soċjetà attriċi tasserixxi illi l-konvenut fl-ebda ħin ma wera diżapprovazzjoni għaż-żieda fil-prezz tal-*parts *u tax-xogħlijiet li kellhom jitwettqu minnha. Tant hu hekk illi iktar tard fis-sena 2017 u 2018, inħarġu iżjed* statements *li kienu wkoll mibgħuta lill-konvenut fejn għalkemm is-soċjetà attriċi kellha twettaq iktar xogħol minn dak miftiehem, xorta waħda ma nqabżitx is-somma maqbula ta' €15,000. B'żieda ma'*

*dan, hija tikkontendi li l-konvenut mar diversi drabi jispezzjona l-vettura tiegħu fil-garaxx tas-soċjetà attriċi u filwaqt li dejjem ħareġ kuntent bl-andament tax-xogħlijiet, minn żmien għall-ieħor kien jagħtihom struzzjonijiet ġodda li komplew iżidu mal-ispejjeż. Da parti tagħha, is-soċjetà attriċi dejjem wettqet l-istruzzjonijiet tal-konvenut u installat il-*parts *meħtieġa mingħajr iżda, ma ntalab ħlas addizzjonali għal xogħolha biex jibqa' jiġi onorat il-ftehim dwar il-prezz massimu ta' €15,000. Is-soċjetà attriċi sostniet ukoll li fil-frattemp, il-konvenut kien jeffettwa diversi pagamenti akkont tax-xogħlijiet u sas-16 ta' Mejju, 2018, kienu rċevew total ta' €26,000 li kien jinkludi l-€15,000 tax-xogħlijiet kif miftiehem u l-ħlas tal-*parts *tal-vettura.*

*Is-soċjetà attriċi kompliet tfisser li meta l-vettura tlestiet, kien għad fadal bilanċ fis-somma ta' €7,623.02 rappreżentanti parts tal-vettura, tapizzerija u x-xogħol tal-mekkanik. Għalkemm skont il-ftehim oriġinali l-qbil kien illi l-prezz tal-*parts *tal-vettura li jinxtraw, iridu jitħallsu bil-quddiem qabel jinxtraw, f'dan il-każ is-soċjetà attriċi aċċettat li titħallas meta l-vettura tinġabar mill-konvenut. Madanakollu, il-konvenut għalkemm ġabar il-vettura, minflok ħallas, talab kopja tal-fatturi kollha tal-*parts *li nxtraw għall-vettura u wara li dawn ingħatawlu, huwa ħallas biss pagament ta' €2,000 u rrifjuta li jħallas il-kumplament.*

*Is-soċjetà attriċi fissret li l-bilanċ dovut mill-konvenut u mitlub f'din il-kawża, fis-somma ta' €7,073.02, jikkonsisti fis-segwenti:-*

1. *€1,450 għall-miżati tal-ħażna skont il-klawsola 5 fit-termini u l-kundizzjonijiet iffirmati;*
2. *€800 għal xogħlijet mekkaniċi li saru minn speċjalista;*
3. *€200 għal xogħlijiet elettriċi li saru minn speċjalista tal-elettriku;*
4. *€958.44 għal partijiet mekkaniċi li twaħħlu minn speċjalist mekkaniku;*
5. *€3,664.58 ordni ta' partijiet varji tal-vettura mingħand Rimmer Rbos (fattura 517059) u l-ispiża biex twasslu Malta.*

*Kwantu għall-ħlas ta' xogħlijiet mekkaniċi speċjalizzati fis-somma ta' €800, is-soċjetà attriċi ssostni li din l-ispiża kienet ġiet awtorizzata mill-konvenut preventivament, filwaqt li x-xogħlijiet elettriċi wkoll saru mill-istess speċjalista, ċertu John Aquilina.*

*Kwantu għall-miżata tal-ħażna, is-soċjetà attriċi għamlet referenza għall-klawsola 5 tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet (Dok. A fol. 16) fejn huwa stipolat li wara t-tlestija tax-xogħlijiet u sakemm il-vettura tinġabar mill-klijent, ikun dovut ammont ta' €25 kuljum għall-ħażna tal-vettura. Duncan Dimech fisser illi l-konvenut kien ġabar il-vettura iżda sussegwentement irriżulta li kien jonqos xi xogħol ta' tapizzerija fis-saqaf, liema xogħol sar għand it-tapizzar ċertu Cutajar, kif ukoll xogħol ta' żebgħa fil-bibien,*

*liema xogħol sar fil-garaxx tas-soċjetà attriċi. Meta dawn ix-xogħlijiet kienu lesti u approvati, il-konvenut ġie mgħarraf b'dan u intalab iħallas il-bilanċ dovut qabel jieħu l-vettura. Iżda s-soċjetà attriċi rrifjutat tagħti l-vettura lura lill-konvenut qabel isir il-ħlas tal-kont u laħqu għaddew xahrejn jew tlieta sakemm il-konvenut iddepożita l-ammont tal-kont fil-Qorti u l-vettura ġiet rilaxxata lilu. Sadanittant, billi l-vettura kienet qed tinżamm fil-pussess tas-soċjetà attriċi, hija talbet ukoll il-ħlas tal-miżata ġornaliera ta' €25, b'żieda mal-bilanċ dovut fuq xogħlijiet u parts.*

*Is-soċjetà attriċi fissret in konklużjoni illi l-kont finali ġie iktar minn dak previst fil-kuntratt għaliex il-ftehim dwar stima ta' bejn €800 u €10,000, kien intlaħaq limitatament biex jitneħħa s-sadid u biex il-vettura tiġi żarmata, terġa' tingħaqqad u tinżebagħ, mingħajr din l-istima ma kienet tinkludi l-prezz tal-*parts *tal-vettura u xogħlijiet addizzjonali. Hija ssostni li effettivament, saru ferm iktar xogħlijiet minn dawk oriġinarjament miftiehma u prevvisti, filwaqt li s-soċjetà attriċi ħallset ukoll il-prezz tat-tapizzerija għaliex il-konvenut kien imsiefer.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-bażi tad-difiża tal-konvenut li huwa ma jridx iħallas il-bilanċ dovut, hija fondata primarjament fuq l-asserzjoni tiegħu illi l-prezz mitlub mis-soċjetà attriċi huwa esaġerat għaliex filwaqt li l-ftehim li ntlaħaq mas-soċjetà attriċi kien illi l-prezz tar-restawr ma kellux jaqbeż is-somma ta' €10,000, huwa spiċċa ħallas ferm iktar minn hekk.*

*M'huwiex kontestat u l-partijiet jaqblu li l-appalt mogħti lis-soċjetà attriċi kien għar-restawr komplut tal-vettura KAL-513. Duncan Dimech xehed "*għandi awtorizzazzjoni biex nagħmillu l-karozza kollha" *(fn. 6 Fol. 104), u dan huwa affermat mill-konvenut meta xehed illi huwa ta struzzjonijiet lis-soċjetà attriċi biex il-vettura kellha tiġi restawrata "*the best".

*Madanakollu, minn eżami ħafifa tal-ftehim Dok. A, iffirmat miż-żewġ partijiet, hu ovvju li l-istima mogħtija fis-somma ta' bejn €8,000 u €10,000 kienet tkopri x-xogħlijiet indikati fis-sezzjoni intestata* Job Details. *Hawnhekk jirriżulta li x-xogħlijiet li talab il-konvenut kienu dawk espressament indikati fuq id-dokument, ċioe:-* paint stripping, inspection *tas-sistemi tal-*brakes, steering *u elettriku; xogħol fuq sadid u tiswija ta' għafsiet fil-vettura; żebgħa; restawr tat-tapizzerija jew xiri ta' tapizzerija ġdida;* tuning *tal-magna; xiri ta' roti "*wire wheels"; *tindif tat-*trim; bumper, rubber *u* weather strips.

*Il-ftehim jagħmilha wkoll ċar illi l-*items *tax-xogħol immarkati b'"*" m'humiex inklużi fl-ispiża stmata. Minn dan il-Qorti fehmet illi r-restawr tat-tapizzerija, ix-xiri ta'*

*tapizzerija ġdida, it-*tuning *tal-magna, roti, u* bumper, rubber + weather strips *li jinsabu hekk immarkati b'"*", ma kinux jifformaw parti mill-istima mogħtija mis-soċjetà attriċi.*

*Kif rajna, il-verżjoni tas-soċjetà attriċi hi li fil-kors tar-restawr inqala' l-ħtieġa ta' diversi parts u xogħlijiet li ma kinux previsti fil-ftehim oriġinali. Għalkemm il-konvenut inizjalment ċaħad illi huwa kien żied max-xogħol oriġinarjament miftiehem, sussegwentement fix-xhieda tiegħu, fuq domanda tal-Qorti, huwa xehed hekk:-*

**Carmel Spiteri:** "Meta jiena għidtlu li din irridha from A to Z, jiġifieri, jekk hemm bżonn biċċa wire irid jagħmilha."

**Maġistrat:** "Id-diskrezzjoni tiegħu biex iġibha tajjeb."

**Carmel sive Charles Spiteri:** "... meta qed issemmi seats u tapizzerija dawk jien ħallasthom extra."

Ukoll:-

**Maġistrat:** "Jiġifieri qed tabel li dawk l-affarijiet ma kinux inklużi fl-istima tapizzerija?"

**Carmel sive Charles Spiteri:** "Le ma kinux" *(fn. 7 Fol. 173).*

*Mill-kumpless tal-provi, il-Qorti hija sodisfatta illi l-verżjoni tas-soċjetà attriċi li għad il-vettura kellha tiġi restawrata b'mod komplut, il-prezz ta' diversi* parts *u xogħlijiet immarkati fil-ftehim kienu esklużi mill-istima indikata fl-istess ftehim, hija veritiera. Tqis ukoll illi l-verżjoni tal-konvenut illi huwa kien taħt l-impressjoni li l-istima indikata fil-ftehim kienet tkopri l-ispejjeż kollha, oltre li mhijiex verosimili, ġiet kontradetta minnu stess fix-xhieda tiegħu (fn. 8 Ara parti tad-depożizzjoni appena ċitata kif ukoll fol. 176, xhieda tal-konvenut in kontro-eżami, 25 ta' Novembru, 2020:* Maġistrat: "Il-parts għalik kienu ħa jkunu inklużi f'dik l-istima?" Carmel sive Charles Spiteri: "**Naħseb** jiena." *(emfasi miżjuda), kif ukoll meta afferma illi matul iż-żmien li l-vettura kienet qed tiġi restawrata, huwa kien jiġi infurmat dwar il-prezzijiet tal-*parts *u kien jikkonfermahom, tant illi għamel diversi pagamenti lis-soċjetà attriċi fosthom għall-prezz ta'* parts. *Il-konvenut xehed hekk:-*

"**Dr Edward Gatt:** "Meta kienu jsiru x-xogħlijiet qatt informawk l-ispejjeż kemm kienu jkunu? Jgħidulek, 'ara, ħa nibdlu hekk u ħa jiswa daqshekk. Immexxu jew le? Kont tiġi infurmat?"

**Xhud:** "Ġieli kont niġi, iva." (fn. 9 Ara traskrizzjoni tax-xhieda tal-attur Carmel Spiteri fil-kawża 594/2018 fl-ismijiet **Charles Spiteri v. Duncan Dimech**)

*Barra minn hekk, il-konvenut, meta ġie mistoqsi jgħid jekk kienx qed ikun infurmat dwar il-*parts *li kienu qegħdin jinxtraw għall-vettura tiegħu u dwar il-prezzijiet, wieġeb fl-affermattiv (fn. 10 Ara fol. 173, xhieda tal-konvenut in kontro-eżami, 25 ta' Novembru, 2020) u kkonferma ulterjorment illi ġieli kien imur fil-garaxx tas-soċjetà attriċi biex jara l-vettura (fn. 11 Fol. 172) matul iż-żmien li kien qed isir ir-restawr.*

*Dan kollu fil-fehma tal-Qorti ikompli jagħti sostenn lill-verżjoni tas-soċjetà attriċi illi l-istima mniżżla fil-ftehim Dok. A (fol. 16) kienet limitata għal ċertu xogħol biss indikat speċifikament fid-dokument iffirmat bejn il-partijiet.*

*Rigward speċifikament l-ispejjeż tax-xogħlijiet mekkaniċi fis-somma ta' €800 li tħallset lil ċertu John Aquilina, ġie ppruvat sodisfaċentement illi l-konvenut mhux talli ġie mgħarraf preventivament bix-xogħol meħtieġ u bl-istima tal-prezz tax-xogħol, talli aċċetta li dan ix-xogħol isir bil-prezz stmat u insista li l-vettura tittieħed għand il-mekkanik in kwistjoni (fn. 12 Ara skambju ta' messaġġi, Dok. J fol. 67). Huwa minnu illi skont kif jirriżulta mill-*Job Authorisation Form, *l-istima tas-soċjetà attriċi ma kinitx tinkludi xogħol mekkaniku (dan ma ġiex indikat speċifikatament bħala inkluż fl-appalt), iżda l-Qorti fehmet illi l-ħtieġa ta' dawn ix-xogħlijiet inqalgħet biss sussegwentement, wara li s-sistema tal-*brakes *u* steering *ġiet spezzjonata skont kif miftiehem il-ftehim u sarilha "*strip down*". Hekk fil-fatt xehed Duncan Dimech fl-affidavit tiegħu, liema verżjoni ma ġietx kontradetta mill-konvenut.*

*Il-Qorti tosserva illi għalkemm ix-xogħlijiet mekkaniċi li saru minn John Aquilina, ġew eżegwiti fi Frar 2018, ċioe meta x-xogħlijiet ta' restawr kienu waslu fi stadju avvanzat, hija konvinta mill-kumpless tal-provi illi s-soċjetà attriċi kienet imxiet bl-istess mod matul l-eżekuzzjoni tal-appalt kollu, billi kienet iżżomm lill-konvenut infurmat bil-*parts *li kellhom jinbidlu u jinxtraw u bl-ispiża involuta, kif del resto afferma l-konvenut innifsu fix-xhieda tiegħu.* ***Għall-Qorti dan ifisser illi l-konvenut kien jaf tajjeb li l-*parts *kienu esklużi mill-istima, u illi kien jaf tajjeb ukoll liema* parts *kienu qed jinxtraw għar-restawr tal-vettura tiegħu u l-prezzijiet tagħhom tax-xogħol relattiv u aċċetta li dawn hekk jinxtraw.***

*Kwantu mbagħad tax-xogħol fuq is-sistema elettrika tal-vettura, liema xogħol ukoll ġie eżegwit mill-imsemmi John Aquilina (fn. 13 Ara invoice a fol. 52 u 53, datat 26 ta' April, 2018) bil-prezz ta' €200, għalkemm huwa minnu li l-partijiet qablu fil-*Job Autorisation Form *li s-sistema elettrika tal-vettura tiġi ispezzjonata mis-soċjetà attriċi, il-Qorti fehmet illi x-xogħol elettriku li kien meħtieġ kien imur ferm oltre sempliċi spezzjoni kif miftiehem fil-*Job Authorisation Form. *Kemm hu hekk, dan ix-xogħol ma ġiex eżegwit direttament mis-soċjetà attriċi iżda ġie appaltat lil sub-appaltatur speċjalizzat, skont kif del resto fisser Duncan Dimech fix-xhieda tiegħu. Għal*

*darb'oħra, il-konvenut ma kkontestax li dan ix-xogħol effettivament sar u qatt ma asserixxa lil-prezz relattiv mhux ġustifikat, jew li ma ġiex mgħarraf b'dan ix-xogħol. Kif rajna, il-konvenut jikkontendi biss b'mod ġenerali li l-prezz globali li kellu jħallas lis-soċjetà attriċi għar-restawr tal-vettura tiegħu, huwa wieħed esaġerat.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti hija ugwalment konvinta illi l-konvenut kien mgħarraf biż-żieda fl-istima tal-prezz tax-xogħlijiet li kellhom jitwettqu mis-soċjetà attriċi: minn €8,000/€10,000 sa €15,000. Fir-rigward, Duncan Dimech ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi l-konvenut ġie mgħarraf bit-talba għal din iż-żieda fil-prezz ta' dan ix-xogħol, f'Marzu 2017 meta sar* strip down *tal-vettura. Huwa sostna illi f'dan l-istadju inkixef ħafna iktar sadid milli kien ġie kostatat waqt l-ispezzjoni oriġinali tal-vettura kif ukoll ġew innotati problemi serji fis-sistema tal-*brakes *u fis-sistema elettrika, fost oħrajn, tal-vettura. Huwa evidenti min-numru ta'* statements *esebiti fl-atti, liema* statements *kienu jinħarġu perjodikament matul l-eżekuzzjoni tal-appalt, illi l-ammont dovut għal* mano d'opera ("Total Work") *kien ilu jiġi indikat bħala* "capped at €15,000" *sa mill-inqas it-2 ta' April, 2017.*

*Il-Qorti tosserva illi l-jedd li tiġi applikata żieda fuq l-istima oriġinali, f'każ li dan ikun meħtieġ minħabba l-kundizzjoni tal-vettura kif kostatata wara* strip down, *huwa f'kull każ maħsub fit-tieni faċċata tal-*Job Authorisation Form *(Dok. A) taħt is-sezzjoni intestata* Terms and Conditions, *fejn jinsab stipolat hekk:-*

"Any indicated price and time frames are an estimate and they may vary based on the condition of the vehicle determined after strip down. …"

*Hawnhekk iżda, jeħtieġ li tiġi sorvolata l-kwistjoni li nqalgħet waqt ix-xhieda tal-konvenut in kontro-eżami, dwar l-applikabbilità o meno tal-kundizzjonijiet elenkati f'din it-tieni faċċata tal-*Job Authorisation Form. *Dan għaliex din it-tieni faċċata (fn. 14 Fol. 17), diversament mill-ewwel faċċata tal-*Job Authorisation Form *(fn. 15 Fol. 16), m'hijiex iffirmata mill-konvenut. Il-konvenut, fid-depożizzjoni tiegħu in kontro-eżami, ċaħad illi huwa kien ġie muri xi dokument kontenenti t-termini u kundizzjonijiet tal-appalt jew li dawn it-termini u kundizzjonijiet ġew diskussi jew imfissrin lilu meta ġiet iffirmata l-istima.*

*Iżda l-Qorti, wara li semgħet lill-konvenut jidddeponi u qieset il-komportament tiegħu fuq il-pedana kif ukoll wara li qieset l-intervenzjonijiet mhux f'lokhom u f'waqthom matul din il-parti tad-depożizzjoni, min-naħa tal-abbli avukat tal-istess konvenut, ma hija xejn konvinta bil-verżjoni tal-istess konvenut li ma kienx hemm dokument anness*

*mal-istima kontenenti t-termini u kundizzjonijiet tal-appalt. Kemm hu hekk, il-konvenut, eventwalment, xehed hekk:-*

"Mela jien ma qrajtx **fuq wara** u s-Sur Dimech ma fehmulix lanqas..." *(fn. 16 Kontro-eżami tal-konvenut, fol. 156. Emfasi tal-Qorti).*

*Għall-kuntrarju, mill-kumpless tax-xhieda, hija sodisfatta illi l-konvenut mhux biss kien jaf bl-eżistenza ta' dan id-dokument iżda wkoll illi d-dokument jifforma parti mill-ftehim milħuq bejn il-partijiet.*

*F'kull każ, ftit jista' jkun hemm dubju li d-dokument li jinsab a fol. 17 jikkonsisti effettivament fit-tieni faċċata tal-*Job Authorisation Form*, għaliex hu manifest li f'din it-tieni faċċata wkoll fiha tagħrif relevanti għall-appalt bit-tkomplija mad-dettalji tal-vettura, dettalji tal-appalt u dettalji tal-klijent, fost oħrajn, li jinsabu elenkati fl-ewwel faċċata. B'żieda ma' dan, il-Qorti tosserva illi l-Job Authorisation Form (Dok. A), ġie ċertifikat minn Dr. Elaine Degiorgo bħala vera kopja tal-oriġinal, b'liema ċertifikazzjoni l-Qorti tifhem illi l-abbli avukat ikkonfermat illi hija għamlet kopja tad-dokument oriġinali konsistenti f'zewġ faċċati.* ***Din iċ-ċertifikazzjoni qatt ma ġiet kontestata f'din il-kawża u għall-Qorti sservi bħala prova biżżejjed li d-dokument oriġinali jikkonsisti fiż-żewġ faċċati li jinsabu a fol. 16 u 17 tal-atti****.*

*Biex tkompli tiġi trattata l-kwistjoni taż-żieda fuq l-istima oriġinali tax-xogħlijiet li kellhom jitwettqu mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li l-konvenut, rinfaċċjat bil-verżjoni tas-soċjetà attriċi li huwa ma kienx oġġezzjona għaż-żieda fil-prezz tax-xogħlijiet sal-ammont ta' €15,000, baqa' ma ressaq l-ebda prova kuntrarja u mill-provi jirriżulta illi huwa ħallas* ***xejn inqas minn erba' pagamenti lis-soċjetà attriċi sussegwentement għal din iż-żieda fil-prezz tax-xogħol*** *kif jidher fl-*statements *relattivi (fn. 17 Ara fol. 66). B'żieda ma' dan, il-Qorti tosserva wkoll illi minkejja li s-sigħat tax-xogħol imwettaq mis-soċjetà attriċi fuq il-vettura, isarrfu f'valur li ssupera l-limitu tal-istima ta' €15,000 bi kważi €23,000 (fn. 18 Ara fost oħrajn, Dok. I, fol, 64) is-soċjetà attriċi baqgħet qatt ma talbet il-ħlas tal-eċċess u llimitat it-talba tagħha għas-somma ta' €15,000.*

*Dan kollu jikkonvinci lill-Qorti li l-verżjoni tas-soċjetà attriċi fir-rigward, għandha mis-sewwa u ġie sodisfaċjentment ippruvat mhux biss li l-konvenut kien jaf biż-żieda fl-istima tax-xogħlijiet, iżda wkoll li huwa approva – għad taċitament – din iż-żieda meta ppermetta t-tkomplija tat-twettiq tal-appalt u kompla jħallas diversi pagamenti akkont tal-prezz tal-appalt. Wara kollox, kieku verament il-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-istima mogħtijamis-soċjetà attriċi fil-*Job Authorisation Form *kellha tkopri wkoll, addizzjonalment għax-xogħol imwettaq mis-soċjetà attriċi nnifisha, il-*parts *u x-*

*xogħlijiet l-oħra kollha meħtieġa għar-restawr komplut tal-vettura, u kieku l-prezz tal-appalt kien esaġerat, il-Qorti tistenna li l-konvenut kien joġġezzjona speċifikatament* ***hekk kif il-ħlasijiet minnu effettwati ssuperaw is-somma ta' €10,000 fi stadju meta t-twettiq tal-appalt kien evidentement għadu 'l bogħod*** *u żgur mhux meta r-restawr kien komplut u s-soċjetà attriċi kienet qed titlob il-ħlas tal-bilanċ pendenti qabel il-vettura tinġabar mill-konvenut.*

*Madanakollu, ma tressqet l-ebda prova illi l-konvenut kien talab, f'xi żmien qabel it-tlestija tal-appalt, xi rendikont tax-xogħlijiet u tal-prezzijiet tal-parts, jew li oġġezzjona b'xi mod għat-twettiq tal-appalt mis-soċjetà attriċi. Kienet tistenna wkoll,* de minimis*, illi l-konvenut fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, jidentifika liema* parts *tal-vettura ma jaqbilx li kellhom jinxtraw u liema* parts *inxtraw bi prezz li skont hu, huwa esaġerat.* ***Il-fatti juru b'mod evidenti li l-konvenut ħallas ammont komplessiv ta' mhux inqas minn €24,000 qabel iddeċieda li l-ammonti li ħallas huma esaġerati*** *fn. 19 ara fol. 62).*

*B'żieda ma' dan, il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenut naqas milli jindika liema* items *speċifiċi fil-kont finali maħruġ mis-soċjetà attriċi, qed jiġu kontestati u naqas ukoll milli juri liema mix-xogħlijiet u* parts *ma kinux meħtieġa għar-restawr komplut tal-vettura kif rikjest minnu stess, jew kif il-prezz relattiv mhuxdovut jew huwa eċċessiv. M'huwiex kontestat illi l-vettura tinsab fil-pussess tal-konvenut u għalkemm il-konvenut allega li kien hemm xi xogħol li ma sarx tajjeb, fosthom fis-sistema tal-*brakes*, il-bieba u r-roti, baqa' ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni u ma wera bl-ebda mod kif il-*parts *li twaħħlu jew ix-xogħlijiet li saru fuq il-vettura u li l-prezz tagħhom għadumhux imħallas, m'humiex idonei jew li saru ħażin. Kif diġà ngħad, il-konvenut ma identifika l-ebda xogħol jew* item *jew part partikolari, fost l-*items *kollha indikati fil-kontijiet esebiti mis-soċjetà attriċi fl-atti, li ma kellux isir jew li ma kellux jinxtara bil-prezz li effettivament qed jintalab u lanqas ikkontesta l-fatt illi s-soċjetà attriċi ħallset hija stess għall-akkwist ta' dawn il-*parts *u għax-xogħlijiet imwettqa minn speċjalisti oħrajn.*

*Għaldaqstant, l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi rappreżentanti l-bilanċ fuq il- prezz ta' xogħolha kif ukoll ta'* parts *u xogħlijiet oħrajn eżegwiti għall-fini tar-restawr tal-vettura, huwa dovut.*
*Ikkunsidrat;*

*Inkluż fis-somma komplessiva mitluba fir-Rikors promotur kwantu għall-prezz ta'* parts *u xogħol, huwa l-ammont ta' €1,228.81 rappreżentanti spejjeż ta' magazzinaġġ għal tmienja u ħamsin (58) ġurnata mis-17 ta' Mejju, 2018 sat-13 ta' Lulju, 2018, b'applikazzjoni tar-rata ta' €25 kuljum. Is-soċjetà attriċi ssostni li skont kif stipolat fil-*

*ħames paragrafu tal-parti mill-ftehim intestat* Terms and Conditions *(fn. 20 parti mill-*Job Authorisation Form *(fol. 17)), f'każ li x-xogħol ta' restawr ikkommissjonat ikun tlesta iżda ma jkunx tħallas l-ammont kollu dovut mill-klijent, il-vettura tiġi magazzinata f'post sigur bi spiża ta' €25 kuljum sakemm isir il-ħlas.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva li l-liġi fl-Artikolu 1892 tal-Kodiċi Ċivili hija ċara illi l-kuntratt ta' depożitu huwa wieħed* "gratuwitu bla ħsara ta' kull ftehim kuntrarju." *Għaldaqstant, il-Qorti tqis li jispetta lis-soċjetà attriċi, bħala d-depożitarja f'dan il-każ, tipprova mhux biss li kien hemm ftehim validu għall-ħlas ta' kumpens għaż-żamma tal-vettura iżda wkoll x'kienet ir-rata miftiehma u d-data meta skatta u ntemm l-obbligu tal-ħlas da parti tad-depożitant.*

*Il-Qorti rat l-ewwel paragrafu tal-imsemmija termini u kundizzjonijiet, kontenenti l-istipolazzjoni dwar l-ispiża ġornaliera tal-magazzinaġġ dovut lis-soċjetà attriċi wara t-tlestija tax-xogħlijiet ta' restawr, u fehmet illi l-obbligu għall-ħlas ta' spejjeż ta' magazzinaġġ huwa marbut mal-ħlas tal-prezz tal-appalt anzicche' mal-ġbir tal-vettura mill-pussess tas-soċjetà attriċi. Il-klawsola relattiva tgħid hekk:-*

Whilst we wish our clients to enjoy their vehicles as soon as we finish restoration, the Guild restos and customs will not release any vehicle to its owner if there are any pending fees. Until such time that all fees are fully paid up, we will store your car in a secure facility at a charge of €25 a day.

*Diġà ġie stabbilit illi t-tieni faċċata tal-*Job Authorisation Form *kienet ingħatat lill-konvenut u b'hekk huwa preżunt li kien jaf bit-termini u kundizzjonijiet tal-appalt, fosthom bl-ammont ta' kumpens dovut għall-magazzinaġġ tal-vettura sakemm jitħallas l-ammont dovut għar-restawr tagħha.*

*Iżda lil hinn dan, il-Qorti tħoss li għandha tistħarreġ jekk dawn it-termini u kundizzjonijiet, ġaladarba dan huwa kuntratt li sar bejn kummerċjant u konsumatur kif maħsub fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur ("l-Att") (fn. 21 Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta) u fih diversi oneri imposti fuq il-konvenut qua konsumatur, humiex enforzabbli fid-dawl sija tal-kunċett bażilari tal-buona fede fil-kuntratti u sija wkoll tan-normi speċjali ta' tutela tal-konsumatur kif enunċjati mid-Direttivi relevanti tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-imsemmi Att u fid-diversi regolamenti promulgati bis-saħħa tiegħu..*

*In materja ġie ritenut:-*

Bħala punt ta' tluq jibda biex jiġi osservat illi, di regola, fil-konvenzjonijiet ordinarji l-kontraenti jaslu għall-formazzjoni tagħhom, skont il-prinċipji ta' dik il-libertà u awtonomija, bil-parteċipazzjoni ta' trattattivi esprimenti l-volontà negozjali tagħhom.

Ukoll f'dik il-fażi pre-kontrattwali għandha parti sinjifikattiva l-bwona fede tal-kontraenti, intiża din bħala dak id-dover li l-partijiet jinformaw lil xulxin b'dawk l-elementi ta' intendiment aktar preċiż u eżatt tal-kuntratt li jkun ser isir. Huwa utli li jingħad li f'dan l-istess dover ta' informazzjoni għandhom ikunu magħrufa u spjegati wkoll kull kawża tal-ineffiċjenza tal-kuntratt jew il-kawżi tal-inadempiment tiegħu. *(fn. 22* ***Raymond Camilleri et vs. Touring Mediterraneo Limited*** *– Appell Inferjuri, deċiż 6.10.2020).*

*Id-Direttiva 93/13 EC tal-5 ta' April, 1993 li tittratta klawsoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, teħtieġ bħala wieħed mill-prinċipji fondamentali tagħha,* ***l-innegozjar individwali ta' klawsoli kuntrattwali li jikkawżaw żbilanċ sinjifikanti fid-drittijiet u obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur****. Dan japplika b'mod partikolari fejn il-konvenzjoni jkun fiha kondizzjonijiet* standard *prefissati mill-kummerċjant li jkunu ferm iktar onerużi għall-konsumatur milli għall-kummerċjant u li fihom, il-konsumatur ma jkunx ipparteċipa għall-formazzjoni jew imposizzjoni tagħhom. Dan il-prinċipju ġie traspost fl-ordinament ġuridiku lokali permezz tal-introduzzjoni bl-Att XXVI tal-2000 ta' Taqsima ġdida (VII) intestata* "klawsoli mhux ġusti f'kuntratti".

*L-imsemmija Taqsima VII tal-Att tiddisponi li fost espressjonijiet inġusti u konsegwentement ipprojibiti u li jiddaħħlu f'kuntratti mal-konsumatur, wieħed isib espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li:-*

(g) jeħtieġu lil konsumatur li jkun naqas milli jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu, li jħallas b'kumpens lill-kummerċjant ammont li jkun sproporzjonatament għoli ħdejn il-valur tal-oġġetti jew is-servizzi mixtrijin jew mikrijin;

(h) jistabbilixxu l-kumpens li għandu jitħallas minn konsumatur li jkun naqas li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu, mingħajr ma jipprovdu għal kumpens daqsinsew mill-kummerċjant li jkun naqas mill-istess ħaġa.

*Il-Qorti tqis illi l-oneru tal-prova li xi kundizzjoni* standard *f'kuntratt mal-konsumatur ġiet negozjata b'mod individwali mal-klijent (fn. 23 Ara wkoll Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13EC), jaqa' bis-sħiħ fuq il- kummerċjant jew il-fornitur tas-servizz b'mod li, stabbilit li l-klawsola in diżamina hija waħda prefissa, jispetta lilu li jipprova fil-grad li trid il-liġi li din ġiet negozjata bil-kunsens espress tal-konsumatur. Huwa minnu li l-obbligu għall-ħlas addizzjonali ta' rata ġornaliera sakemm jitħallas il-kont sħiħ, faċilment jista' jinftiehem mill-konsumatur ordinarju u konsegwentement, il-klawsola in diżamina f'din il-kawża hija miktuba b'lingwa sempliċi kif ordinarjament mitkellma, kif inhuwa del resto meħtieġ mill-Artikolu 47 tal-Kap. 378. Madanakollu, il-Qorti ma*

*għandha l-ebda dubju li l-konvenut ma kellu l-ebda rwol fl-innegozjar ta' dan il-patt konvenzjonali li evidentement huwa wieħed li ġie prefiss mis-soċjetà attriċi fuq formula* standard. *Hija konvinta wkoll li s-soċjetà attriċi ma fissritx din il-klawsola b'mod individwali u speċifiku lill-konvenut waqt id-diskussjonijiet li wasslu għal ftehim ta' restawr tal-vettura tiegħu u ma fittxetx il-kunsens espress tiegħu għall-impożizzjoni ta' dan l-obbligu.*

*Tant hu hekk, li Duncan Dimech fix-xhieda tiegħu ma jsemmi mkien illi huwa spjega lill-konvenut li sakemm l-ammont kollu pretiż fuq l-appalt jiġi saldat minnu, ikun obbligat għall-ħlas tad-depożitu tal-vettura. Dan minkejja illi l-applikazzjoni ta' din il-klawsola issarraf f'obbligu ta' ħlas tas-somma ta' xejn inqas minn €750 fix-xahar li, fil-fehma tal-Qorti u applikat il-kriterji stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 378, huwa ammont ferm sproporzjonat meta mqabbel max-xorta tas-servizzi u l-istima tal-appalt fis-somma totali ta' €10,000 li ġiet negozjata fiż-żmien tal-kuntratt (fn. 24 Ara art. 45(2) tal-Kap. 378). Inoltre, il-kuntratt ma fih l-ebda stipolazzjoni dwar xi obbligu reċiproku tas-soċjetà attriċi f'każ li hija tonqos mill-obbligi tagħha.*

*Dan il-kunsens espress tal-konvenut għall-patt konvenzjonali in kwistjoni kien meħtieġ speċifikatament mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 24 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur fl-Avviż Legali 439/2013 (L.S. 378.17) li jistipola:-*

Qabel ma l-konsumatur ikun marbut bil-kuntratt jew bl-offerta, il-kummerċjant għandu jfittex il-kunsens espress tal-konsumatur għal kwalunkwe ħlas addizzjonali li jiżdied mal-pagament miftiehem għall-obbligu kuntrattwali ewlieni tal-kummerċjant *(fn. 25 Reg. 19(2):* Ir-regolamenti 21, 23 u 24 għandhom japplikaw għall-kuntratti ta' bejgħ u ta' servizz u għall-kuntratti għall-provvista ta' ilma, gass, elettriku, jew kontenut diġitali. "*Kuntratt ta' servizz" huwa definit mir-regolament 2 bħala* kwalunkwe kuntratt li ma huwiex kuntratt ta' bejgħ li abbażi tiegħu l-kummerċjant jipprovdi jew jimpenja ruħhu li jipprovdi servizz lill-konsumatur u l-konsumatur iħallas jew jimpenja ruħhu li jħallas il-prezz ta' dan"). *Illi dan kollu jfisser li l-klawsola fil-*Job Authorisation Form *(Dok. A) li tipprovdi għall-ħlas ta' rata ġornaliera għall-magazzinaġġ tal-vettura tal-konvenut sakemm ma jitħallas in toto l-ammont dovut fuq l-appalt, hija waħda inġusta mhux biss għaliex ma ġietx negozjata espressament, iżda wkoll għaliex tirreintra sfiq fid-definizzjoni ta' espressjoni projbita kif maħsub fis-subinċiżi tal-Artikolu 44(2) appena ċitati. Magħdud dan il-fatt li l-klawsola in diżamina toħloq żbilanċ evidenti u sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kuntratt b'detriment tal-konvenut bħala l-konsumatur, skont kif maħsub fl-Artikolu 45(1) tal-Att.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi għalkemm ma jirriżultax li t-termini u kundizzjonijiet stipolati fil-*Job Authorisation Form *jistgħu jitqiesu li huma* ***kollha*** *inġusti jew eċċessivament onerużi għall-konvenut, dan ma hu ta' ebda xkiel għall-effett ta' ineffikaċja ta' klawsola waħda biss, purche` l-kuntratt jista' jibqa' jissusisti mingħajr dik il-klawsola partikolari. Dan għaliex l-Artikolu 46 tal-Att jipprovdi illii kuntratt li jsir mal-konsumatur li jkun jinkludi xi espressjonijiet projbiti jew mhux ġusti, ma jkunx jorbot lill-konsumatur kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' jeżisti mingħajr dik l-espressjoni mhux ġusta. Fil-każ in diżamina, huwa evidenti li l-kuntratt jibqa' jissussisti faċilment mingħajr il-klawsola impunjata u għalhekk, huwa validu għall-kumplament (fn. 26 Hawnhekk għandu jingħad illi l-ftehim in diżamina jimponi fuq il-klijent l-istess obbligu ta' ħlas ta' kumpens b'rata ġornaliera, anke fl-eventwalità li l-klijent ma jeffettwax "*interim payments" *mingħajr, iżda, ma teżisti definizzjoni tal-modalità u rata li jikkostitwixxu dawn l-*interim payments*. Dan ifisser illi t-tifsira ta'* interim payments *hija mħollija fid-diskrezzjoni assoluta tas-soċjetà attriċi kif maħsub fis-subinċiż (s) tal-art. 44(2) tal-Kap. 378).*

*B'żieda mal-premess, il-Qorti tħoss li għandha tissenjala wkoll illi b'referenza għall-kwistjoni tal-ħlas tal-bilanċ dovut fuq l-appalt, Duncan Dimech xehed huwa kien kellem lill-konvenut u infurmah li jekk irid jiġbor il-vettura jrid iħallas il-kont li għadu dovut skont kif kien hemm miftiehem fil-kuntratt. Hu xehed hekk fir-rigward:-*

"… jiena kellimt lis-Sur Spiteri għidtlu: 'Isma'' għidtlu 'jiena għandi dan l-ammont dovut', għidtlu 'skont kif miftiehem fuq il-kuntratt, inti trid il-karozza rridu naraw x'se jsir fuq il-kont." *(fn. 27 fol. 100)*

*Iżda mkien ma jirriżulta mix-xhieda illi meta Duncan Dimech għarraf lill-konvenut li l-vettura kienet lesta u li kellu bżonn iħallas biex jista' jiġborha, għarrfu wkoll li fin-nuqqas ta' ħlas, kellu jiskatta wkoll l-obbligu għall-ħlas ta' kumpens ġornalier.* Multo magis *meta hu manifest mill-provi li x-xhud kien diġà jaf illi l-konvenut kien xettiku dwar il-kontijiet u kien diġà naqas milli jħallas il-kont fl-intier tiegħu meta ħa l-pussess tal-vettura l-ewwel darba għall-ħabta bidu ta' Mejju 2018. F'kull każ, indipendentement mill-effetti tal-liġi għall-ħarsien tal-konsumatur, il-Qorti kienet tistenna,* de minimis*, illi l-avviż dwar l-avverament tal-kundizzjoni li tagħti lok għall-obbligu tal-konsumatur għall-ħlas, jingħata b'forma skritta lill-konvenut u mhux sempliċement b'mod verbali.*

*L-effetti ta' din il-klawsola, ikkunsidrati fil-kumpless taċ-ċirkostanzi kollha tal-konvenzjoni fiż-żmien meta din seħħet, iwasslu, fil-fehma tal-Qorti, għal skwilibriju evidenti bi ħsara tal-konsumatur, bejn id-drittijiet u obbligi rispettivi tal-partijiet. Għalkemm kif stabbilit, il-klawsola dwar l-ispejjeż tad-depożitu tal-vettura sal-*

*pagament tal-ammont dovut, tifforma parti mid-dokument kontenenti diversi stipolazzjonijiet oħrajn regolanti l-appalt mogħti lis-soċjetà attriċi, il-klawsola invokata mis-soċjetà attriċi, ma tistax ħlief titqies bħala waħda inġusta kontenenti espressjoni li hija pprojbita mil-liġi u konsegwentement ma jista' jkollha l-ebda effett fir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.*

*Il-Qorti ma għandha l-ebda diffikoltà li tasal għal din il-konklużjoni minkejja l-fatt illi l-konvenut, fil-kontestazzjoni tiegħu tal-ammont reklamat f'din il-kawża, ma jindirizzax b'mod speċifiku t-talba għall-ħlas tal-kumpens għad-depożitu tal-vettura. Kif rajna, il-konvenut jeċċepixxi b'mod ġenerali li huwa ħallas iżjed minn dak li kien dovut u l-ammonti pretiżi mis-soċjetà attriċi huma esaġerati. Madanakollu dan in-nuqqas ma jistax iwaqqaf lill-Qorti milli tapplika d-dispożizzjonijiet legali in materja ta' kuntratti li jsiru ma' konsumatur,* multo magis *meta l-klawsola invokata mis-soċjetà attriċi għall-ħlas tal-ispejjeż ta' magazzinaġġ tirrientra manifestament entro t-tifsira ta'* "espressjoni inġusta" *għall-finijiet tal-Kap. 378, liema espressjonijiet, ġaladarba huma bi ksur tad-divjet ta' imġiba abbużiva stabbilita mill-Att għal ħarsien tal-konsumatur, huma kuntrarji għal-liġi u kwindi huma wkoll nulli u mingħajr effett.*

*Għall-kuntrarju, il-Qorti tkun qiegħda tonqos jekk tiddeċiedi li tagħti effett għal klawsola li mid-dispożizzjoni espressa tal-liġi hija ineffikaċja sempliċement minħabba li l-konvenut ma qajjimx eċċezzjoni* ad hoc *dwar in-nullità tal-patt konvenzjonali in kwistjoni.* ***Wara kollox, dawn l-istipolazzjonijiet legali, maħsuba għat-tutela tal-konsumatur kontra prattiċi inġusti tal-kummerċjant li inevitabbilment jinsab f'pożizzjoni iktar vantaġġjuża mill-konsumatur, jitqiesu li huma normi ta' ordni pubbliku u kwindi huma sollevabbli mill-Qorti*** **ex officio.**

*Dan kollu jfisser illi s-soċjetà attriċi ma għandhiex jedd tinvoka l-klawsola fil-ħames paragrafu tat-termini u kundizzjonijiet tal-appalt. Konsegwentement, l-ammont pretiż in linea ta'* storage fees *(fn. 28 €1,450 inkluż taxxa fuq il-valur miżjud (€25 x 58 ġurnata) għall-perijodu 13 ta' Mejju, 2018 sas-17 ta' Lulju, 2018 bir-rata ta' €25 kuljum, mhuwiex dovut mill-konvenut. Għaldaqstant, l-ammont bilanċjali dovut lis-soċjetà attriċi abbażi tal-*istatement *datat 9 ta' Ottubru, 2018 (Dok. I, fol. 64) huwa ta' ħamest elef, sitt mija u tlieta u għoxrin euro u żewġ ċenteżmi (€5,623.03).*

***<u>Decide</u>***

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut safejn mhijiex kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' limitatament it-talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi EXOR Group Limited is-somma ta' ħamest elef, sitt mija u tlieta u għoxrin euro u żewġ ċenteżmi***

***(€5,623.02) għar-raġunijiet imfissrin fir-Rikors promutur, bl-imgħax mis-6 ta' Settembru, 2019 u bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess konvenut.***

## <u>L-Appell</u>

12. L-intimat ressaq l-appell tiegħu mis-sentenza appellata fit-12 t'April, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tilqa' dana l-appell."*

13. L-intimat spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex fil-fehma tiegħu l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ma kellux jitqies bħala stima, kif irreferiet għalih l-Ewwel Qorti. Spjega li huwa kien ħa l-vettura tiegħu għand s-soċjetà appellata għaliex xtaq ikun jaf x'kien il-prezz tax-xogħlijiet meħtieġa sabiex il-vettura tiegħu tiġi restawrata. Qal li l-addetti tas-soċjetà appellata, li huma persuni li jagħmlu dan ix-xogħol, taw ċifra li kienet tinkludi dak kollu meħtieġ biex il-vettura tiġi restawrata. Qal ukoll li kien abbażi ta' din l-informazzjoni, li huwa ddeċieda li jinkariga lis-soċjetà appellata b'dan ix-xogħol. L-intimat qal li l-appellati huma addestrati f'dawn ix-xogħlijiet u għalhekk f'każ li kienu jafu li l-prezz kien ser ikun ogħla minn dak maqbul bejn il-partijiet, huma messhom indikaw dan fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet. L-intimat qal ukoll li dan il-ftehim għandu jitqies bħala rabta bejn il-partijiet, tant hu hekk li dan ġie ffirmat minnhom it-tnejn, filwaqt li stima li tkun tindika biss il-prezz jew il-valur ma tkunx iffirmata mill-partijiet. L-intimat qal li għalhekk fil-fehma tiegħu l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* ġie skartat mill-Ewwel Qorti, bil-konsegwenza li huwa ser ikun kostrett iħallas somma flus li hija d-doppju ta'

dak oriġinarjament miftiehem. Qal ukoll li huwa ma setax jagħmel mod ieħor għajr li jħallas il-prezz mitlub lilu, għaliex altrimenti huwa ma setax jieħu l-pussess tal-vettura tiegħu. Qal li bil-ħlasijiet li saru wara, ħadd ma kellu għalfejn jifhem li kien sar att ta' novazzjoni li jwaqqa' l-ftehim oriġinali bejn il-partijiet.

14. L-intimat qal ukoll li kien hemm argument ieħor li l-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra, għaliex minn stima ta' għaxart elef Euro, huwa spiċċa jħallas ammont li kien sittax-il elf euro iżjed. Qal li l-prezz imħallas minnu żgur li kien wieħed esaġerat u mhuwiex ġustifikat li s-soċjetà attriċi fuq stima li ħarġet hija stess, tispiċċa titħallas kważi tliet darbiet aktar mill-prezz indikat minnha. L-intimat qal li għandha tkun din il-Qorti li tistabbilixxi *arbitrio boni viri* prezz ġust għax-xogħlijiet li għamlet is-soċjetà appellata.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

15. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà appellata wieġbet li kuntrarjament għal dak li qiegħed jippretendi l-intimat, il-*Job Authorisation Form* fil-fatt hija stima, kif fil-fatt jindika d-dokument stess, fejn it-talba tagħha kienet abbażi ta' dak li jirriżulta *prima facie.* Ġie spjegat li kien biss meta l-vettura inkixfet, li l-addetti tas-soċjetà appellata sabu li kien hemm problemi iżjed milli kien oriġinarjament maħsub, u kien fid-dawl ta' dan li l-istima kellha tinbidel għal €15,000 wara li saret komunikazzjoni mal-appellat fejn ġie spjegat dan. L-appellata qalet li f'kull *invoice* ippreżentata, jirriżulta li l-istima tax-xogħlijiet kienet ta' €15,000, xi ħaġa li l-intimat qatt ma oġġezzjona għaliha. Qalet li l-intimat ċertament li ma kienx ser jaqbad u jħallas jekk il-kont ma ġiex spjegat lilu b'mod tajjeb. Is-soċjetà

appellata qalet li dak li ma jridx jifhem l-intimat huwa li l-mertu ta' dawn il-proċeduri mhumiex il-€15,000 li jirrappreżentaw xogħol manwali u servizzi mogħtija mis-soċjetà appellata, iżda l-ispejjeż għall-*parts* u aċċessorji mixtrija biex ikun jista' jingħata s-servizz, liema *parts* u aċċessorji qatt ma kienu jiffurmaw parti mill-istima preliminari, iżda dejjem inxtraw bi qbil mal-intimat. L-appellata qalet li l-*Job Authorisation Form* tindika bl-aktar mod ċar li l-*parts* kellhom jinxtraw minnha u huma a karigu tal-klijent. Qalet ukoll li huwa impossibbli għaliha li tkun taf minn qabel kemm ser ikunu l-ispejjeż tal-*parts* li jkollhom bżonn jinxtraw, meta hija stess tiddependi minn terzi sabiex dawn il-*parts* jinxtraw minn barra. Is-soċjetà appellata wieġbet ukoll li minkejja li s-sigħat ta' xogħol fuq il-vettura in kwistjoni qabżu ferm l-istima ta' €15,000, abbażi tar-rata stabbilita, hija xorta waħda żammet ma' dak li kien maqbul oriġinarjament, u spjegat li anki l-*Job Authorisation Form* iffirmata mill-intimat tindika li l-partijiet mhumiex inklużi fl-istima mogħtija. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li fil-parti fejn hemm spjegat ix-xogħol maqbul li kellu jsir fuq il-vettura, hemm imniżżel li l-istima tirreferi biss għal *labour work,* filwaqt li hemm ukoll miktub b'mod ċar li l-*body parts* mhumiex parti mill-istima mogħtija. L-appellata qalet li l-fatt li l-parts kellhom jinxtraw mingħand fornituri minn barra l-pajjiż wassal għal dewmien. Spjegat li sas-16 ta' Mejju, 2018, l-intimat kien diġà ħallas total ta' €26,000, €15,000 għal xogħol manwali maqbul bejn is-soċjetà appellata u l-intimat, u l-bilanċ rimanenti għal *body parts* li kellhom jinxtraw sabiex ikun jista' jingħata s-servizz.

16. Ir-rikorrenti qalet ukoll li hija lanqas ma tista' taqbel mat-tieni aggravju tal-intimat li l-prezz mitlub minnha huwa wieħed esaġerat. Qalet li fil-mori tal-

kawża hija ġabet il-provi kollha neċessarji li jindikaw il-ħlasijiet li saru minnha meta ordnat il-*body parts* li kien hemm bżonn sabiex ikun jista' jingħata s-servizz, u l-ammont mitlub f'dawn il-proċeduri jirrappreżenta servizzi li għalihom hija kellha tinkariga lil terzi. Is-soċjetà appellata qalet li mill-provi rriżulta wkoll li l-intimat spiss kien imur jara l-vettura in kwistjoni u li minkejja li huwa kellu ċans iwaqqaf ix-xogħlijiet jew jitlob kjarifika tal-*invoices* li kienu qed jinħarġu, dan baqa' m'għamlux. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li anki l-*invoices* ippreżentati fil-kawża juru li l-intimat kien jaf b'mod dettaljat u spjegat l-ispejjeż x'kienu jirrappreżentaw. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li skont il-*Job Authorisation Form* il-*labour work* kellu jilħaq l-ispiża ta' €15,000, filwaqt li l-ispejjeż relatati mal-*body parts* u xogħlijiet oħra tniżżlu bħala ċifra separata.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

17. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija ħassitha aggravata minn parti mis-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex it-talba oriġinali tagħha kienet sabiex l-intimat jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' €7,073.02, filwaqt li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-intimat iħallasha biss s-somma ta' €5,623.02.

18. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimat stess spjega li l-ispejjeż tal-magazzinaġġ, jiġifieri l-ammont ta' €1,450, mitluba fir-rikors promutur jirrappreżenta l-ammont dovut lilha wara li hija żammet għal 58 ġurnata, il-vettura in kwistjoni fil-garaxxijiet tagħha, u dan meta l-intimat naqas milli jħallas l-aħħar pagament ta' €5,623.02. Ir-rikorrenti spjegat li kien hawn li beda jiskatta ħlas ta' €25 għal kull ġurnata ta' dewmien, u kien għalhekk li hija ppretendiet

ħlas fl-ammont ta' €7,073.02. Kompliet tispjega li t-talba għall-ħlas tal-magazzinaġġ tiskatta f'dawk l-istanzi fejn ir-rilaxx tal-vettura ma jsirx minħabba nuqqas ta' ħlas da parti tal-klijent. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li l-garaxx fejn jinżammu dawn il-vetturi jesa biss tliet karozzi, u għalhekk f'każ li persuna tonqos milli tmur tiġbor il-vettura tagħha, dan ikun ta' detriment għaliha, għaliex tispiċċa titlef ħafna xogħol. Qalet li huwa għalhekk li hija tikri post fejn tkun tista' żżomm dawn il-vetturi, bi spejjeż addizzjonali għaliha, u hemm ukoll involuti l-ispejjeż tal-irmonk tal-vettura. Is-soċjetà rikorrenti qalet li fid-dawl tal-prinċipju *pacta sunt servanda,* u fid-dawl tal-fatt li l-intimat iffirma id-dokument in kwistjoni, u għalhekk kien jaf b'dan il-ħlas, kellu jiskatta ħlas ta' €25 għal kull ġurnata li l-vettura tal-intimat inżammet minnha f'magazzinaġġ.

19. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li hija ħassitha aggravata bil-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tgħid li l-klawsola tal-magazzinaġġ toħloq żbilanċ favur il-kummerċjant. Qalet li hija ma taqbel xejn ma' din il-konklużjoni, għaliex l-ammont ta' €25 mhumiex sempliċi penali li l-klijent ikollu jħallas jekk jonqos milli jħallas għas-servizz li jkun irċieva, iżda hu ammont li s-soċjetà appellata inkorriet sabiex setgħet iżżomm il-vettura in kwistjoni f'post partikolari. Qalet li għalhekk hija ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-ammont inkors għall-ħlas ta' magazzinaġġ jinkwadra ruħhu fit-tifsira ta' 'espressjoni inġusta' għall-finijiet tal-Kap. 378. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li l-Kap. 378 jindika lista ta' klawsoli li huma meqjusa inġusti fi *standard form contracts,* u żiedet tgħid li l-liġi tqis li huma inġusti klawsoli li joħolqu żbilanċ bejn il-konsumatur u l-kummerċjant, u dan sabiex il-konsumatur jiġi protett. Kompliet tgħid li tali klawsola fil-kuntratt mhux talli ma ħolqitx żbilanċ kontra l-konsumatur, iżda jekk

ma tiġix inkluża jintefa' piż kbir fuqha f'każ li l-konsumatur, b'negliġenza jew b'pika, jagħżel li ma jħallasx dak dovut minnu u għalhekk il-vettura ma tkunx tista' tiġi rilaxxata. Kompliet tgħid li f'dan il-każ mhux minnu li l-inklużjoni ta' tali klawsola tefgħet piż fuq il-konsumatur, iżda għall-kuntrarju ġiet inkluża sabiex f'każ li l-konsumatur jonqos mill-obbligi tiegħu b'abbuż u l-vettura ma tkunx tista' tiġi rilaxxata, hija ma tisfax ippreġudikata. Is-soċjeta rikorrenti qalet ukoll li fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti imkien ma ntqal li l-*Job Authorisation Form* kienet miktuba bi kliem jew b'lingwaġġ li mhux ċar kif titlob il-liġi, u li l-piż li toħloq vettura fuq il-kummerċjant huwa kbir għaliex din tirrikjedi spazju kbir biex tkun tista' tinżamm maħżuna, bi spejjeż akbar għall-kummerċjant.

**<u>Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali</u>**

20. L-intimat qal li t-talba tar-rikorrent fl-appell inċidentali għandha tiġi miċħuda. Qal li l-kwistjoni taż-żamma tal-vettura u t-talba għall-ħlas relattiv ma kienet qatt miftiehma bejn il-partijiet, u għalhekk ikun ferm inġust li s-soċjetà appellata titħallas għal servizz li ma kien hemm qatt ftehim dwaru, u meta lanqas ma kien hemm ftehim dwar kemm kellu jiswa l-magazzinaġġ. L-intimat qal ukoll li dak li qiegħda tikkontendi s-soċjetà appellata lanqas m'huwa veritier, għaliex meta din lestiet ix-xogħlijiet fuq il-vettura tiegħu, huwa kien ħadha mill-istabbiliment tas-soċjetà rikorrenti. Żied jgħid li xi jiem wara, huwa wera l-vettura lil xi ħadd intiż f'dan ix-xogħol, u din il-persuna kienet innutat li l-vettura kellha xi ċarċir taż-żebgħa minħabba xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. L-intimat qal li meta huwa mar jilmenta dwar dan mar-rikorrenti, dawn assumew

responsabbilità għal dan u żammew il-vettura sabiex jagħmlu fuqha x-xogħol meħtieġ. L-intimat qal li tax-xogħol ħażin li huwa kien ħallas għalih, l-appellata baqgħet tinsisti li riedet somma mingħandu li kienet ferm akbar minn dak oriġinarjament maqbul bejn il-partijiet. L-intimat qal li mhux minnu li huwa ma marx jiġbor il-vettura, iżda din inżammet mis-soċjetà appellata bħala rikatt sabiex jisfurzawh iħallas somma oħra flus li ma kinitx dovuta minnu. Qal li wara li l-vettura ġiet depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti, huwa għamel depożitu fir-Reġistru tal-Qorti u ħa l-vettura tiegħu. Qal li għalhekk hu ottuż li huwa jiġi ordnat iħallas għall-magazzinaġġ tal-vettura f'dawn iċ-ċirkostanzi li jirriżultaw mill-provi.

21. L-intimat qal ukoll li huwa jaqbel mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti li l-kuntratt kien fih *unfair clauses,* u sostna li s-soċjetà rikorrenti hija mħarrġa fil-mod kif tidħaq bil-klijenti tagħha. Qal li l-vettura tiegħu inżammet fid-dar tad-direttur tas-soċjetà rikorrenti u hu mar ġabarha minn hemm, u din kienet inżammet mis-soċjetà rikorrenti b'rikatt.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-intimat, kif ukoll l-aggravji mressqa mis-soċjetà rikorrenti fir-rikors tal-appell inċidentali tagħha.

*L-ewwel aggravju:* *[il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ma kellux jitqies bħala stima]*

21. L-intimat isostni li l-*Job Authorisation Form* iffirmata bejn il-partijiet kien dokument li ma kellux jitqies bħala stima kif irreferiet għalih l-Ewwel Qorti, iżda aktar bħala rabta kuntrattwali bejn il-partijiet, partikolarment għaliex dan id-dokument kien iffirmat miż-żewġ partijiet. Qal li minkejja li l-prinċipju li jirregola l-kuntratti huwa dak ta' *pacta sunt servanda,* f'dan il-każ huwa sab ruħhu f'sitwazzjoni fejn kellu jħallas ferm aktar mill-prezz indikat fuq dan id-dokument, għaliex inkella kien ser jispiċċa f'sitwazzjoni fejn ma kienx ser ikun jista' jieħu pussess tal-vettura tiegħu.

22. Il-Qorti tirrileva li l-proċeduri li ġew istitwiti mis-soċjetà appellata kienu jikkonċernaw bilanċ ta' €7,073.02 rappreżentanti spejjeż inkorsi mis-soċjetà appellata għall-akkwist ta' *parts* tal-vettura, kif ukoll spejjeż relattivi għall-magazzinaġġ tal-vettura għal perijodu ta' 58 ġurnata. Jirriżulta wkoll li skont il-*Job Authorisation Form* iffirmata mill-partijiet, il-prezz tal-*parts* tal-vettura ma kienx inkluż fil-ftehim li qablu dwaru l-partijiet, u s-soċjetà appellata spjegat li hija ma setgħetx tkun taf minn qabel dawn il-*parts* kemm kienu ser jiswew għaliex hija kellha takkwistahom mingħand terzi, xi drabi anki minn barra minn Malta. Il-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula wkoll li l-ħlas għall-*parts* tal-vettura kellu jsir minn qabel dawn jiġu akkwistati mis-soċjetà appellata għan-nom tal-klijent, iżda f'dan il-każ jirriżulta li s-soċjetà appellata warrbet din il-kundizzjoni u xtrat il-*parts* li kellhom jintużaw fuq il-vettura tal-intimat qabel dan ħallas għalihom. Mix-xhieda ta' Duncan Dimech irriżulta li kien waqt li huwa mar mal-intimat sabiex jiġbor il-vettura tiegħu, li l-intimat ta l-ewwel indikazzjoni li huwa ma kienx dispost li jħallas l-ispejjeż tax-xiri tal-*parts* tal-vettura.

23. Tqis illi l-intimat qiegħed jipprova jiżvija saħansitra lil din il-Qorti meta jqajjem argument dwar jekk il-*Job Authorisation Form* kellhiex titqies bħala stima jew le, għaliex l-intimat kien diġà ħallas lis-soċjetà appellata prezz ferm ogħla minn dak miftiehem fuq dan id-dokument. Il-bilanċ li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri huwa ħlas għall-*parts* u servizzi reżi minn terzi, liema spejjeż kienu espressament esklużi mill-ftehim bejn il-partijiet. Jibqa' l-fatt li l-intimat kien dispost li jħallas ferm aktar minn dak imniżżel fuq l-imsemmi ftehim għax-xogħol li sar fuq il-vettura tiegħu tul is-sentejn li din ħadet biex tiġi restawrata. Qabel dakinhar li mar biex jieħu lura l-pussess tal-vettura tiegħu, huwa qatt ma qajjem l-argument li l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata fir-rigward kienu esaġerati, jew li l-pagamenti li kien qiegħed jintalab iħallas kull tant żmien ma kinux jirriflettu dak imniżżel fuq il-*Job Authorisation Form.*

24. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-intimat mhuwiex korrett meta jgħid li ladarba l-ispejjeż pretiżi mis-soċjetà rikorrenti f'dawn il-proċeduri ma kinux inklużi fil-ftehim maqbul bejn il-partijiet, din ma kellhiex jedd tippretendi l-ħlas tagħhom. Huwa ċar li minkejja dak li tniżżel u li qablu dwaru l-partijiet fil-*Job Authorisation Form,* il-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula wkoll li s-soċjetà appellata kellha dritt titlob ħlasijiet oħrajn minn dak oriġinarjament indikat, partikolarment meta kif seħħ f'dan il-każ, jiġi stabbilit li l-vettura in kwistjoni tkun tirrikjedi ferm aktar xogħol milli kien oriġinarjament maħsub, u fejn ikun hemm *parts* li jridu jinxtraw mingħand terzi. Il-Qorti tosserva li kienu diversi l-istanzi fejn il-partijiet fil-kawża ddipartew minn dak li kienu qablu u ftiehmu dwaru fil-*Job Authorisation Form,* inkluż l-obbligu li l-ħlas għall-*parts* isir qabel dawn jiġu ordnati mis-soċjetà appellata, xi ħaġa li f'dan il-każ ma seħħitx. Hu in

vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti qiegħda tqis li l-ewwel aggravju tal-intimat mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[prezz esaġerat]*

25. L-intimat qal li anki f'każ li din il-Qorti taċċetta li l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet kien jikkostitwixxi stima, m'għandux jitqies ġustifikat li minn stima ta' għaxart elef Euro hu spiċċa ntalab iħallas aktar minn sitta u għoxrin elf Euro għal xogħlijiet u servizzi fil-vettura tiegħu.

26. Il-Qorti, filwaqt li tifhem l-intimat fejn irid jasal b'din il-linja ta' argumentazzjoni, tirrileva li l-intimat qabel fuq il-prezz ta' €15,000 għal *labour costs* li ntalab iħallas mis-soċjetà appellata waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet fuq il-vettura tiegħu. Mill-mod kif xehed l-intimat quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li dan ta l-*mano libera* lis-soċjetà appellata li tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex il-vettura in kwistjoni tiġi fl-aħjar kundizzjoni possibbli, u għalhekk diversi drabi dan awtorizza x-xogħlijiet addizzjonali li kienu meħtieġa fuq il-vettura, partikolarment wara li din ġiet żarmata u ġie stabbilit li din kienet tirrikjedi ferm aktar xogħol milli kien maħsub oriġinarjament. Mill-provi jirriżulta li l-intimat inżamm infurmat b'kull stadju tax-xogħlijiet u b'dak kollu li kien qiegħed isir mis-soċjetà rikorrenti, u l-intimat ma kellu l-ebda problema li kull tant żmien iħallas l-ammonti ta' flus mitluba minnu mir-rikorrenti. Tant hu hekk li fuq medda ta' sentejn huwa ħallas aktar minn sitta u għoxrin elf Euro, u fadal kontestazzjoni biss fuq il-bilanċ pretiż mis-soċjetà rikorrenti f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li l-ftehim bejn il-partijiet kien jipprovdi għall-possibilità li wara li l-vettura tiġi żarmata, il-prezz mitlub mill-klijent ikun jista' jiġi rivedut, kif fil-

fatt ġara f'dan il-każ. L-intimat ried li jsir l-aqwa xogħol possibbli fuq il-vettura tiegħu, anki għaliex kien fi ħsiebu jirregalaha, u għal dan il-għan indika diversi drabi lill-addetti tas-soċjetà rikorrenti li huma kellhom jagħmlu dak kollu meħtieġ, inkluż l-inkarigu ta' terzi, sabiex jassiguraw li l-vettura tkun fl-aħjar kundizzjoni possibbli. L-intimat, filwaqt li argumenta li vetturi ta' għamla oħra ma swewlux daqs din il-vettura biex irrestawrahom, fl-istess ħin naqas milli jġib provi konkreti dwar in-natura tax-xogħlijiet li saru fuq il-vettura jew vetturi l-oħra li ġew restawrati minnu. u dwar jekk dawn kinux jirrikjedu l-istess xogħol estensiv li kien meħtieġ fuq il-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri.

27. L-intimat kellu wkoll il-possibilità li f'kull waqt tax-xogħlijiet iwaqqaf l-inkarigu li ta lis-soċjetà rikorrenti f'każ li ma riedx jinkorri aktar spejjeż, iżda huwa m'għamilx hekk u minflok baqa' jindika li ried li x-xogħol jitlesta u li l-vettura tkun fl-aħjar kundizzjoni possibbli meta tiġi ritornata lilu. Huwa minnu li hemm differenza kbira bejn l-istima tal-ispejjeż kif prospettati oriġinarjament, u l-ispejjeż li l-intimat spiċċa jħallas sakemm din il-vettura tlestiet. Iżda mill-provi jirriżulta li l-intimat qabel kompletament mal-ispiża addizzjonali, kien dispost li jħallas għaliha, u kien biss meta ntalab iħallas għax-xiri tal-*parts* u għal servizzi oħra li saru fuq il-vettura li huwa rrifjuta li jħallas. L-intimat ipprova jargumenta wkoll li huwa ħallas biss għaliex li kieku naqas milli jħallas, huma kien jista' jieħu lura l-pussess tal-vettura tiegħu. Imma l-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti uriet fiduċja fl-intimat u fil-propensità tiegħu li jħallas, tant hu hekk li kuntrarjament għal dak maqbul bejn il-partijiet, saret l-ordni u ġew imwaħħla l-*parts* fuq il-vettura in kwistjoni minkejja li l-intimat ma kienx ħallas għalihom minn qabel, kif kien oriġinarjament mifthiem. Mill-provi jirriżulta

wkoll li kien biss wara li ħa pussess tal-vettura li l-intimat beda jilmenta li l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma esaġerati u rrifjuta li jħallas il-bilanċ dovut. Dan ipoġġi f'dubju l-motivazzjonijiet tal-intimat meta jgħid li huwa ħallas lis-soċjetà rikorrenti biss għaliex li kieku naqas milli jagħmel dan, il-vettura ma kinitx tingħatalu lura. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis illi t-tieni aggravju tal-intimat ukoll mhuwiex ġustifikat u tiċħud.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

28. Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha.

*L-ewwel aggravju:* *[l-ispejjeż għall-magazzinaġġ tal-vettura]*

29. Is-soċjetà rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata bil-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ddeċidiet li l-intimat ma kellux iħallas ukoll għall-ispejjeż tal-magazzinaġġ tal-vettura għaliex fil-fehma tal-Ewwel Qorti, il-klawsola li tipprovdi għall-ħlas ta' €25 għal kull ġurnata ta' magazzinaġġ, ma ġietx spjegata lill-klijent, u tista' titqies bħala klawsola li toħloq skwilibriju fir-rapport bejn il-konsumatur u l-kummerċjant.

30. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija tinkorri diversi spejjeż għall-ħażna tal-vetturi kull darba li s-sidien tagħhom jonqsu milli jmorru jiġbruhom mill-garaxx tagħha, u qalet li għalhekk ikun irid jinstab post għall-ħażna ta' vetturi bħal dawn kif ukoll ikun hemm spejjeż tal-irmonk ta' dawn il-vetturi sabiex dawn ikunu jistgħu jinġarru minn post għal ieħor. Qalet li f'dan il-każ kien hemm perijodu ta'

58 ġurnata li matulhom il-vettura tal-intimat inżammet maħżuna f'garaxx, u li huwa għalhekk li hija qiegħda tippretendi ħlas ta' €25 għal kull ġurnata f'dan il-perijodu. L-intimat min-naħa tiegħu laqa' għal din il-pretensjoni billi qal li f'dan il-każ is-soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi ħlas għaż-żmien li matulu huwa rritorna l-vettura lura għaliex kien sar xi xogħol fuqha li ma kienx aċċettabbli għalih, u għalhekk talab li dawn in-nuqqasijiet jiġu rranġati.

31. Il-Qorti tqis illi mix-xhieda ta' Duncan Dimech in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti, jirriżulta li huwa kellu jiltaqa' mal-intimat fil-5 ta' Mejju, 2018 sabiex huwa jkun jista' jispezzjona u jieħu pussess tal-vettura tiegħu. Fil-fatt hekk ġara, u skont dak li xehed Dimech stess, kien dakinhar li l-intimat qallu li qabel iħallas il-bilanċ tal-prezz huwa ried jara l-fatturi tax-xiri tal-*parts* għal din il-vettura. Kien dakinhar ukoll li l-intimat ingħata pussess tal-vettura tiegħu. Fil-fatt irriżulta mix-xhieda tal-intimat li xi ġranet wara huwa kien reġa' kkonsenja l-vettura tiegħu lis-soċjetà rikorrenti minħabba f'xi xogħlijiet li huwa deherlu li ma kienux saru sew. Huwa għal dan il-perijodu ta' żmien li s-soċjetà rikorrenti qiegħda issa tippretendi ħlas għall-magazzinaġġ. Fil-fatt jirriżulta li l-perijodu li għalih is-soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi l-ħlas huwa l-perijodu bejn is-17 ta' Mejju, 2018 u t-13 ta' Lulju, 2018, li matulu l-vettura in kwistjoni reġgħet kienet fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti minħabba xi xogħol li ma kienx sargħas-sodisfazzjon tal-intimat.

32. Il-Qorti tagħmel riferiment għal deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Diċembru, 2011, fl-ismijiet **Auto Sales Limited *vs.* Michael u Doreen Scerri**, fejn il-Qorti għamlet għadd ta' osservazzjonijiet u ġabret

flimkien numru ta' punti legali li jirregolaw proprju dan l-aspett f'relazzjoni kummerċjali:-

> *"Illi ma hemm l-ebda dubju li l-liġi trid li kull appaltatur iwettaq il-ħatra tiegħu skont l-ordni jew il-ftehim li jkun ingħata u li jagħmel dak ix-xogħol b'għaqal mistenni minn missier tajjeb tal-familja (fn. 15 Art. 1132(1) tal-Kap. 16), iema grad ta' għaqal jissejjes fuq il-ħila professjonali tas-sengħa li jkun imħarreġ fiha. Dan isir bil-ħsieb li x-xogħol li jagħti lill-appaltant ikun ta' fejda għall-istess appaltant u meħlus minn nuqqasijiet li jistgħu joħorġu wara li jkun temm il-ħatra tiegħu;*
> ...
> *Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti* "sekondarji" *tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat (fn. 17 Art. 1125 tal-Kap. 16). Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, il-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, id-debitur tal-obbligazzjoni) (fn. 18 Art. 1127 tal-Kap. 16). ...*
> ...
> *Illi huwa stabbilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas (fn. 20 P.A. MCC* ***9.4.1968*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** *(mhix ippubblikata)). ...*
>
> *Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja (fn. 22 Art. 1132(1) tal-Kap. 16). Huwa magħruf li, fil-kuntratt tal-appalt, l-għaqal mistenni mill-kuntrattur jissarraf f'dak* "is-sens ta' professjonalità teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni ruħhu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti (billi) huwa jikkontrolla sew ix-xogħol li jkun qed jagħmel, jirrileva dawk il-fatturi li kapaċi 'l quddiem jikkompromettu l-opra tiegħu, u, okkorrendo, jagħmel ix-xogħol rettifikatorju opportun" *(fn. 23 App. Inf. PS* ***15.7.2009*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Tal-Franċiż Construction Ltd et vs Anġlu Zarb****)."*

33. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ, wara li l-intimat ħa lura l-pussess tal-vettura in kwistjoni, huwa sab li partijiet mix-xogħol li kien sar fuq il-vettura tiegħu li ma

kienx għas-sodisfazzjon tiegħu, u għalhekk irritorna din il-vettura lura lis-soċjetà rikorrenti sabiex isir fuqha x-xogħol rimedjali meħtieġ. Huwa proprju għal dan il-perijodu li fih il-vettura kienet kustodita mis-soċjetà rikorrenti sabiex isir xogħol rimedjali fuqha, li din qiegħda tippretendi ħlas ta' €25 għal kull ġurnata ta' magazzinaġġ.

34. Il-Qorti hija tal-fehma li hawn is-soċjetà rikorrenti mhijiex ġustifikata titlob ħlas għall-magazzinaġġ tal-vettura għal dan il-perijodu ta' żmien, għaliex il-vettura ma kinitx qed tinżamm f'post sigur għaliex sidha naqas li jiġborha jew iħallas għaliha, iżda għaliex kien hemm xogħol rimedjali li kellu jsir fuqha. Għaldaqstant il-ħtieġa li l-vettura tinżamm f'magazzinaġġ ma tnisslitx minn xi inadempjenza da parti tal-intimat, imma għaliex is-soċjetà rikorrenti ma kinitx qdiet l-inkarigu mogħti lilha skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk il-ħlas pretiż mis-soċjetà rikorrenti għall-perijodu msemmi ta' magazzinaġġ mhuwiex dovut. Il-Qorti għalhekk tqisli l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha, u dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[dwar l-iżbilanċ favur il-kummerċjant]*

35. Is-soċjetà rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ikkonkludiet illi l-inklużjoni fil-ftehim tal-klawsola li tipprovdi għall-ħlas ta' €25 kuljum għall-magazzinaġġ tal-vettura, hija waħda li toħloq żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur. Spjegat li f'dan il-każ, l-inklużjoni ta' tali klawsola hija meħtieġa għaliex kull darba li sid ta' vettura jonqos milli jmur jiġbor il-vettura tiegħu, ikun qiegħed jippreġudikaha anki għaliex hemm limitazzjoni ta' spazju fil-garaxx

tagħha u għalhekk ikollha jew tirrifjuta xogħol ieħor, jew inkella tikri spazju ta' magazzinaġġ mingħand terzi għall-perijodu li fih sid il-vettura jagħżel li ma jmurx għaliha. Qalet li għalhekk din il-klawsola m'għandhiex titqies bħala klawsola li taqa' fid-definizzjoni ta' *'espressjoni inġusta'* għall-finijiet tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

36. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Verein fur Konsumenteninformation v. Amazon EU Sàrl** (C-191/15, 28 ta' Lulju, 2016) fejn ġie spjegat li:

> *"... klawżola ta' kuntratt li ma tiġix innegozjata individwalment għandha titqies inġusta meta toħloq, minkejja r-rekwiżit tal-bona fede, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur. L-artikolu 3(2) ta' din id-dispożizzjoni jippreċiża li klawżola għandha dejjem ttiqies li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment meta ġiet abbozzata minn qabel mill-professjonist, mingħajr ma l-konsumatur seta' jinfluwenza l-kontenut tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard imfassal minn qabel."*

37. Minkejja li huwa evidenti li l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet huwa *standard form contract* li aktarx li ġie abbozzat minn qabel ma ingħata lill-intimat sabiex jiffirmah, il-Qorti tirrileva li klawsola bħal din fil-kuntest tan-negozju li tmexxi s-soċjetà rikorrenti qajla tista' titqies li hija waħda inġusta jew li toħloq skwilibriju fir-relazzjoni bejn il-kummerċjant u l-konsumatur. Fil-fatt, meta wieħed jikkonsidra din il-klawsola b'mod oġġettiv, u mhux fejn is-soċjetà rikorrenti ppruvat tinvoka t-tħaddim ta' din il-klawsola fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, ma hemm xejn li jista' jitqies li huwa inġust fl-inklużjoni ta' tali klawsola fil-ftehim bejn il-partijiet. Fl-ambitu tan-negozju speċifiku tas-soċjetà rikorrenti,

mingħajr klawsola bħal din fil-ftehim mal-klijent, ikun faċli għall-klijent li joqgħod jittrattjeni biex imur jiġbor il-vettura tiegħu, u jsib ruħhu komdu juża l-faċilitajiet tas-soċjetà rikorrenti bħala post għall-parkeġġ tal-vettura tiegħu. Tista' tinħoloq sitwazzjoni ferm inġusta għas-soċjetà rikorrenti f'dawk il-każijiet fejn hija ma tkunx tista' taċċetta xogħol ġdid minħabba nuqqas ta' spazju fil-garaxx tagħha, u għalhekk l-inklużjoni ta' din il-klawsola fi ftehim mal-klijenti tas-soċjetà rikorrenti ċertament li tagħmel sens. Madanakollu l-Qorti tirritjeni għal darb'oħra li l-imsemmija klawsola mhijiex applikabbli għal każ odjern, għaliex il-vettura in kwistjoni ma kinitx *on freeze status* kif tistipula l-klawsola in kwistjoni, iżda reġgħet sabet ruħha fil-faċilitajiet tas-soċjetà rikorrenti minħabba xogħol rimedjali li kien meħtieġ li jsir fuqha. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti qabel m'għaddiet sabiex tiddeċiedi li l-imsemmija klawsola hija waħda li toħloq żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur, kellha tiddeċiedi li din il-klawsola ma kinitx applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Madanakollu safejn f'dan l-aggravju fl-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti qed jiġi ritenut illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra li l-imsemmija klawsola dwar il-magażżinaġġ tinkwadra ruħha fit-tifsira ta' *'espressjoni inġusta'* għall-finijiet tal-Kap. 378, tqis illi dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell prinċipali tal-intimat billi tiċħdu, u qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell inċidentali tas-soċjetà**

**rikorrenti billi filwaqt li qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjetà rikorrenti, qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tagħha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kwantu għal 75% mill-intimat u 25% mis-soċjetà rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**